*PARLAMENT EWROPEW*

*2009 - 2014*

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2011/0365(COD)**

18.9.2012

# EMENDI
# 49 - 236

Abbozz ta' rapport
**Marian-Jean Marinescu**
(PE489.446v02-00)

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża

Proposta għal regolament
(COM (2011)0750 – C7-0441/2011 – 2011/0365(COD))



*Magħquda fid-diversità*

**Emenda 49**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) L-objettiv tal-Unjoni li tiżgura livell għoli ta' sigurtà fi spazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (l-Artikolu 67 (3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni) għandu jinkiseb, inter alia, permezz ta' miżuri komuni dwar il-qsim tal-fruntieri interni minn persuni u kontroll tal-fruntieri fil-fruntieri esterni u l-politika komuni dwar il-viża bħala parti minn sistema b'bosta saffi li għandha l-għan li tiffaċilita l-ivvjaġġar ***leġittimu*** u l-ittrattar tal-immigrazzjoni ***illegali***. | (1) L-objettiv tal-Unjoni li tiżgura livell għoli ta' sigurtà fi spazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (l-Artikolu 67 (3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni) għandu jinkiseb, inter alia, permezz ta' miżuri komuni dwar il-qsim tal-fruntieri interni minn persuni u kontroll tal-fruntieri fil-fruntieri esterni u l-politika komuni dwar il-viża bħala parti minn sistema b'bosta saffi li għandha l-għan li tiffaċilita l-ivvjaġġar ***fl-Unjoni u skambji internazzjonali li jinkoraġġixxu u jiżviluppaw id-diversità kulturali u l-fehim interkulturali,*** u l-ittrattar tal-immigrazzjoni ***irregolari***. ***Fit-twettiq ta' dan l-objettiv huwa meħtieġ li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet fundamentali (Artikolu 67(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) u d-dinjità tal-bniedem skont id-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u, rigward l-iżvilupp ta' politika komuni tal-asil, l-immigrazzjoni u l-kontroll tal-fruntieri esterni, it-trattament ġust taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (Artikolu 67(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea), ir-rispett għall-jedd tagħhom għall-asil u għall-protezzjoni internazzjonali, il-prinċipju tan-non-refoulement u s-salvataġġ tal-migranti fuq il-baħar u l-konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri li joriġinaw mill-istrumenti internazzjonali, pereżempju l-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951, li tagħhom huma firmatarji.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li niftakru f'objettivi u obbligi oħra skont l-Artikolu 67 TFUE kif ukoll strumenti internazzjonali li jikkonċernaw l-asil u l-immigrazzjoni. Jekk l-emenda li tbiddel il-kelma 'illegali' li tirreferi għall-immigrazzjoni irregolari tiġi adottata hawnhekk, trid tiġi adottata wkoll kullimkien fit-test fejn tinsab din il-kelma.*

**Emenda 50**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Jeħtieġ li jiġi żviluppat approċċ integrat għall-kwestjonijiet li joriġinaw mill-pressjoni tal-applikazzjonijiet tal-migrazzjoni u l-asil u għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni u li jiġu pprovduti baġit u riżorsi adegwati biex wieħed ilaħħaq mal-emerġenzi fl-ispirtu ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri kollha, filwaqt li wieħed jibqa' konxju tar-responsabilitajiet nazzjonali u jiżgura diviżjoni ċara tal-inkarigi.*** |

Or. fr

**Emenda 51**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Skont l-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-Unjoni, il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja huma objettivi li għandhom jiġu segwiti b'mod parallel, u bil-għan li jinkisbu l-libertà u l-ġustizzja, is-sigurtà*** |

| | |
|---|---|
| | ***għandha dejjem tiġi segwita skont il-prinċipji tat-Trattati, l-istat tad-dritt u l-obbligi tal-Unjoni fir-rigwar tad-drittijiet fundamentali.*** |

Or. en

**Emenda 52**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Is-solidarjetà fost l-Istati Membri, iċ-ċarezza dwar id-diviżjoni tal-inkarigi, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt ***kif ukoll enfasi qawwija fuq il-perspettiva globali*** u r-rabta inseparabbli mas-sigurtà esterna huma prinċipji ewlenin li jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna. | (3) Is-solidarjetà fost l-Istati Membri, iċ-ċarezza dwar id-diviżjoni tal-inkarigi, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali***, il-prinċipji tal-protezzjoni internazzjonali*** u l-istat tad-dritt***, il-prevenzjoni ta' diversi suriet ta' kriminalità, li bħalissa huwa partikolarment meħtieġ f'dan il-perjodu ta' kriżi, minħabba ż-żieda qawwija fl-atti ta' razziżmu u ksenofobija u l-qawmien mill-ġdid tal-estremiżmu politiku dirett lejn il-barranin,*** u r-rabta inseparabbli mas-sigurtà esterna huma prinċipji ewlenin li jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna***, li tirroma parti mill-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja***. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-politika tas-sigurtà żgur li tfalli jekk ma tkunx ibbażata fuq il-ġustizzja u l-libertà, tonqos li tirrispetta dawn il-valuri u ma tkunx imnaqqxa fost il-prinċipji u d-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fejn jiġi żgurat ir-rispett sħiħ għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali.*

**Emenda 53**
**Simon Busuttil**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Il-Fond għas-Sigurtà Interna għandu jqis b'mod speċjali lill-Istati Membri li qed jiffaċċjaw piżijiet sproporzjonati mill-flussi migratorji minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom.*** |

Or. en

**Emenda 54**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Il-Fond għas-Sigurtà Interna għandu jesprimi solidarjetà permezz ta' assistenza finanzjarja lil dawk l-Istati Membri li japplikaw bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet ta' Schengen dwar il-fruntieri esterni kif ukoll lil dawk li qed jippreparaw għall-parteċipazzjoni sħiħa. | (8) Il-Fond għas-Sigurtà Interna għandu jesprimi solidarjetà permezz ta' assistenza finanzjarja lil dawk l-Istati Membri li japplikaw bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet ta' Schengen dwar il-fruntieri esterni kif ukoll lil dawk li qed jippreparaw għall-parteċipazzjoni sħiħa *fix-Schengen****, u li jirrispettaw il-liġi internazzjonali billi jipprovdu għajnuna u ħarsien lil dawk fil-bżonn***. |

Or. en

**Emenda 55**
**Roberta Angelilli**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Fl-eżekuzzjoni ta' inkarigi fil-fruntieri | (11) Fl-eżekuzzjoni ta' inkarigi fil-fruntieri |

| | |
|---|---|
| esterni u l-konsulati skont l-acquis ta' Schengen dwar il-fruntieri u l-viża, l-Istati Membri jwettqu attivitajiet fl-interess ta' u f'isem l-Istati Membri l-oħra kollha fiż-żona Schengen u għalhekk jagħmlu servizz pubbliku għall-Unjoni. Biex jesprimi solidarjetà, l-Istrument għandu jikkontribwixxi għall-appoġġ tal-ispejjeż operattivi relatati mal-kontroll tal-fruntieri u l-poltika dwar il-viża u jippermetti li l-Istati Membri sistematikament iżommu kapaċitajiet kruċjali għal dak is-servizz għal kulħadd. . Tali appoġġ jikkonsisti minn rimborż sħiħ ta' għażla ta' spejjeż relatati mal-objettivi taħt dan l-istrument u se jifforma parti integrali mill-programmi nazzjonali. | esterni u l-konsulati skont l-acquis ta' Schengen dwar il-fruntieri u l-viża, l-Istati Membri jwettqu attivitajiet fl-interess ta' u f'isem l-Istati Membri l-oħra kollha fiż-żona Schengen u għalhekk jagħmlu servizz pubbliku għall-Unjoni. Biex jesprimi solidarjetà, l-Istrument għandu jikkontribwixxi għall-appoġġ tal-ispejjeż operattivi relatati mal-kontroll tal-fruntieri u l-poltika dwar il-viża u jippermetti li l-Istati Membri sistematikament iżommu kapaċitajiet kruċjali għal dak is-servizz għal kulħadd. . Tali appoġġ jikkonsisti minn rimborż sħiħ ta' għażla ta' spejjeż relatati mal-objettivi taħt dan l-istrument u se jifforma parti integrali mill-programmi nazzjonali. ***Sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni, il-frammentazzjoni u l-ineffiċjenza tal-ispejjeż, l-Aġenzija Frontex għandha tikkoordina dawk l-attivitajiet tal-Istati Membri li jkunu ffinanzjati taħt l-appoġġ operattiv.*** |

Or. en

**Emenda 56**
**Alexander Alvaro**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Fl-eżekuzzjoni ta' inkarigi fil-fruntieri esterni u l-konsulati skont l-acquis ta' Schengen dwar il-fruntieri u l-viża, l-Istati Membri jwettqu attivitajiet fl-interess ta' u f'isem l-Istati Membri l-oħra kollha fiż-żona Schengen u għalhekk jagħmlu servizz pubbliku għall-Unjoni. ***Biex jesprimi solidarjetà, l-Istrument*** għandu jikkontribwixxi għall-appoġġ tal-ispejjeż operattivi relatati mal-kontroll tal-fruntieri u l-poltika dwar il-viża u jippermetti li l-Istati Membri sistematikament iżommu kapaċitajiet kruċjali għal dak is-servizz | (11) Fl-eżekuzzjoni ta' inkarigi fil-fruntieri esterni u l-konsulati skont l-acquis ta' Schengen dwar il-fruntieri u l-viża, l-Istati Membri jwettqu attivitajiet fl-interess ta' u f'isem l-Istati Membri l-oħra kollha fiż-żona Schengen u għalhekk jagħmlu servizz pubbliku għall-Unjoni. ***L-Istrument*** għandu jikkontribwixxi għall-appoġġ tal-ispejjeż operattivi relatati mal-kontroll tal-fruntieri u l-poltika dwar il-viża u jippermetti li l-Istati Membri sistematikament iżommu kapaċitajiet kruċjali għal dak is-servizz għal kulħadd. . |

| | |
|---|---|
| għal kulħadd. . Tali appoġġ jikkonsisti minn rimborż sħiħ ta' għażla ta' spejjeż relatati mal-objettivi taħt dan l-istrument u se jifforma parti integrali mill-programmi nazzjonali. | Tali appoġġ jikkonsisti minn rimborż sħiħ ta' għażla ta' spejjeż ***speċifiċi*** relatati mal-objettivi taħt dan l-istrument u se jifforma parti integrali mill-programmi nazzjonali. |

Or. en

**Emenda 57**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(12) Dan l-istrument għandu jikkomplimenta u jsaħħaħ l-attivitajiet imwettqa biex tiġi żviluppata l-kooperazzjoni operattiva taħt il-patroċinju tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kif stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 2007/2004 (minn hawn iżjed 'il quddiem "l-Aġenzija Frontex"), inklużi l-attivitajiet ġodda li jirriżultaw mir-Regolament [...] emendat, u b'hekk ikompli jsaħħaħ is-solidarjetà bejn dawk l-Istati Membri li jikkontrollaw il-fruntieri esterni fl-interess u f'isem iż-żona Schengen kollha.*** | ***imħassar*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Frontex ma tonfoqx il-finanzjament konsiderevoli li diġà għandha għad-dispożizzjoni tagħha. Il-Fondi u r-riżorsi għandhom għalhekk jiġu assenjati għal azzjonijiet u attivitajiet oħra aktar relevanti.*

**Emenda 58**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Dan l-istrument għandu jiġi implimentat b'rispett sħiħ *mad-drittijiet* u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. | (13) Dan l-istrument għandu jiġi implimentat b'rispett sħiħ *għad-drittijiet* u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati, il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt tal-Baħar u l-konvenzjonijiet tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali***. |

Or. fr

**Emenda 59**
**Ioan Enciu**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Dan l-istrument għandu jiġi implimentat b'rispett sħiħ mad-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. | (13) Dan l-istrument għandu jiġi implimentat b'rispett sħiħ mad-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ***u fil-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati inkluż il-prinċipju tan-non-refoulement u l-jedd għall-asil***. |

Or. ro

**Emenda 60**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Dan l-istrument għandu jiġi implimentat b'rispett sħiħ mad-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. | (13) Dan l-istrument għandu jiġi implimentat b'rispett sħiħ mad-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***, inkluż il-jedd tal-asil u tal-għajnuna għall-persuni kollha li ħajjithom tinsab fil-periklu jew li jinsabu fil-periklu li jiġu ttrattati jew ikkastigati b'mod inuman jew degradanti***. |

Or. fr

**Emenda 61**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Dan l-istrument għandu jiġi implimentat b'rispett sħiħ mad-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. | (13) Dan l-istrument għandu jiġi implimentat b'rispett sħiħ mad-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar ir-Rifuġjati, il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt tal-Baħar, it-trattati tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali u l-prinċipju tan-non-refoulement***. |

Or. en

**Emenda 62**
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(13a)*** |
| | ***Skont l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Istrument għandu jappoġġja attivitajiet li jiżguraw il-ħarsien tat-tfal li jinsabu f'riskju li jiġrilhom xi ħsara fil-fruntieri esterni.*** |
| | ***B'mod partikolari, l-attivitajiet tal-Istrument għandhom jippromwovu l-identifikazzjoni, l-għajnuna immedjata u r-riferiment għand is-servizzi tal-protezzjoni tat-tfal li jinsabu f'riskju, inkluża d-dispożizzjoni ta' protezzjoni u għajnuna speċjali għat-tfal li ma jkunux akkumpanjati.*** |
| | ***Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni regolari, inkluż il-monitoraġġ tan-nefqa, għandhom isiru biex jiġi vvalutat il-mod li bih qed tiġi indirizzata l-protezzjoni tat-tfal fl-attivitajiet tal-Istrument.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-UE impenjat ruħha biex tħares id-drittijiet tat-tfal. Dawn l-isforzi jeħtieġ li jsiru viżibbli fl-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' dan ir-Regolament.*

**Emenda 63**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (14) Biex jiġi żgurat kontroll tal-fruntieri esterni uniformi u ta' kwalità għolja u biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu fost il-fruntieri esterni fil-qafas tal-istrateġija tas-sigurtà interna tal-UE, għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sistema komuni Ewropea ta' ġestjoni integrata tal- | (14) Biex jiġi żgurat kontroll tal-fruntieri esterni uniformi u ta' kwalità għolja u biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu fost il-fruntieri esterni fil-qafas tal-istrateġija tas-sigurtà interna tal-UE, għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sistema komuni Ewropea ta' ġestjoni integrata tal- |

fruntieri, li tinkludi l-miżuri kollha dwar il-politika, il-leġiżlazzjoni, il-kooperazzjoni sistematika, id-distribuzzjoni tal-piż, il-persunal, it-tagħmir u t-teknoloġija meħudin f'livelli differenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, li jaġixxu f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Frontex, ***ma' terzi pajjiżi u,*** fejn meħtieġ, ma' atturi oħra, bl-użu, inter alia, ***tal-mudell ta' sigurtà tal-fruntieri tal-erba' livelli u*** l-analiżi tar-riskju integrat tal-Unjoni Ewropea.

fruntieri, li tinkludi l-miżuri kollha dwar il-politika, il-leġiżlazzjoni, il-kooperazzjoni sistematika, id-distribuzzjoni tal-piż, il-persunal, it-tagħmir u t-teknoloġija meħudin f'livelli differenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, li jaġixxu f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Frontex, ***u*** fejn meħtieġ, ma' atturi oħra, bl-użu, inter alia, ***tal-analiżi*** tar-riskju integrat tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

**Emenda 64**
**Georgios Papanikolaou**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Biex jiġi żgurat kontroll tal-fruntieri esterni uniformi u ta' kwalità għolja u biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu fost il-fruntieri esterni fil-qafas tal-istrateġija tas-sigurtà interna tal-UE, għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sistema komuni Ewropea ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri, li tinkludi l-miżuri kollha dwar il-politika, il-leġiżlazzjoni, il-kooperazzjoni sistematika, id-distribuzzjoni tal-piż, il-persunal, it-tagħmir u t-teknoloġija meħudin f'livelli differenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, li jaġixxu f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Frontex, ma' terzi pajjiżi u, fejn meħtieġ, ma' atturi oħra, bl-użu, inter alia, tal-mudell ta' sigurtà tal-fruntieri tal-erba' livelli u l-analiżi tar-riskju integrat tal-Unjoni Ewropea. | (14) Biex jiġi żgurat kontroll tal-fruntieri esterni uniformi u ta' kwalità għolja u biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu fost il-fruntieri esterni fil-qafas tal-istrateġija tas-sigurtà interna tal-UE, għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sistema komuni Ewropea ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri, li tinkludi l-miżuri kollha dwar il-politika, il-leġiżlazzjoni, il-kooperazzjoni sistematika, id-distribuzzjoni tal-piż, ***il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni u taċ-ċirkostanzi li jkunu qed jinbidlu rigward il-punti ta' qsim għall-migranti illegali,*** il-persunal, it-tagħmir u t-teknoloġija meħudin f'livelli differenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, li jaġixxu f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Frontex, ma' terzi pajjiżi u, fejn meħtieġ, ma' atturi oħra, bl-użu, inter alia, tal-mudell ta' sigurtà tal-fruntieri tal-erba' livelli u l-analiżi tar-riskju integrat tal-Unjoni Ewropea. |

Or. el

**Emenda 65**
**Alexander Alvaro**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Għandu jinkludi l-appoġġ għall-miżuri nazzjonali u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-politika dwar il-viża u attivitajiet oħra ta' qabel il-fruntieri li jsiru qabel il-kontrolli tal-fruntieri esterni. Il-ġestjoni effiċjenti ta' attivitajiet organizzati mis-servizzi tal-Istati Membri f'pajjiżi terzi hija fl-interess tal-politika komuni dwar il-viża bħala parti minn sistema b'bosta livelli li għandha l-għan li tiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu u tittratta l-immigrazzjoni irregolari fl-Unjoni Ewropea, u tikkostitwixxi parti integrali mis-sistema komuni Ewropea ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri. | (16) Għandu jinkludi l-appoġġ għall-miżuri nazzjonali u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-politika dwar il-viża u attivitajiet oħra ta' qabel il-fruntieri li jsiru qabel il-kontrolli tal-fruntieri esterni***, filwaqt li jsir użu sħiħ tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) biex tiġi promossa l-kosteffiċjenza u jiġi evitat l-infiq doppju***. Il-ġestjoni effiċjenti ta' attivitajiet organizzati mis-servizzi tal-Istati Membri f'pajjiżi terzi hija fl-interess tal-politika komuni dwar il-viża bħala parti minn sistema b'bosta livelli li għandha l-għan li tiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu u tittratta l-immigrazzjoni irregolari fl-Unjoni Ewropea, u tikkostitwixxi parti integrali mis-sistema komuni Ewropea ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri. |

Or. en

**Emenda 66**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Għandu jinkludi l-appoġġ għall-miżuri nazzjonali u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-politika dwar il-viża u attivitajiet oħra ta' qabel il-fruntieri li jsiru qabel il-kontrolli tal-fruntieri esterni. | (16) Għandu jinkludi l-appoġġ għall-miżuri nazzjonali u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-politika dwar il-viża u attivitajiet oħra ta' qabel il-fruntieri li jsiru qabel il-kontrolli tal-fruntieri esterni**,** |

| | |
|---|---|
| Il-ġestjoni effiċjenti ta' attivitajiet organizzati mis-servizzi tal-Istati Membri f'pajjiżi terzi hija fl-interess tal-politika komuni dwar il-viża bħala parti minn sistema b'bosta livelli li għandha l-għan li tiffaċilita ***l-ivvjaġġar leġittimu u tittratta*** l-immigrazzjoni irregolari fl-Unjoni Ewropea, u tikkostitwixxi parti integrali mis-sistema komuni Ewropea ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri. | ***b'mod partikolari dawk li jagħtu prijorità lill-fruntieri marittimi sikuri u jiffaċilitaw il-migrazzjoni u l-mobilità regolari***. Il-ġestjoni effiċjenti ta' attivitajiet organizzati mis-servizzi tal-Istati Membri f'pajjiżi terzi hija fl-interess tal-politika komuni dwar il-viża bħala parti minn sistema b'bosta livelli li għandha l-għan li torganizza u tiffaċilita ***l-migrazzjoni u l-mobilità regolari u tipprevjeni*** l-immigrazzjoni irregolari fl-Unjoni Ewropea, ***issalva n-nies li jinsabu fil-periklu kbir fuq il-baħar*** u tikkostitwixxi parti integrali mis-sistema komuni Ewropea ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri. |

Or. en

**Emenda 67**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(18) Dan l-istrument għandu jappoġġja wkoll l-iżvilupp mill-Unjoni Ewropea ta' sistemi tal-IT li jarmaw l-Istati Membri bl-għodod biex jiġġestixxu l-moviment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bejn il-fruntieri b'mod aktar effiċjenti u biex jiżguraw identifikazzjoni u verifika aħjar tal-vjaġġaturi ("fruntieri intelliġenti"). B'dan il-għan, għandu jiġi stabbilit programm li l-għan tiegħu huwa li jkopri l-ispejjeż għall-iżvilupp kemm tal-komponenti ċentrali kif ukoll dawk nazzjonali ta' dan it-tip ta' sistemi, li jiżgura konsistenza teknika, iffrankar u implimentazzjoni bla xkiel fl-Istati Membri.*** | ***imħassar*** |

Or. en



MT

**Emenda 68**
**Ioan Enciu**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Dan l-istrument għandu jappoġġja wkoll l-iżvilupp mill-Unjoni Ewropea ta' sistemi tal-IT li jarmaw l-Istati Membri bl-għodod biex jiġġestixxu l-moviment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bejn il-fruntieri b'mod aktar effiċjenti u biex jiżguraw identifikazzjoni u verifika aħjar tal-vjaġġaturi ("fruntieri intelliġenti"). *B'dan* il-għan, għandu jiġi stabbilit programm li l-għan tiegħu huwa li jkopri l-ispejjeż għall-iżvilupp kemm tal-komponenti ċentrali kif ukoll dawk nazzjonali ta' dan it-tip ta' sistemi, li jiżgura konsistenza teknika, iffrankar u implimentazzjoni bla xkiel fl-Istati Membri. | (18) Dan l-istrument għandu jappoġġja wkoll l-iżvilupp mill-Unjoni Ewropea ta' sistemi tal-IT li jarmaw l-Istati Membri bl-għodod biex jiġġestixxu l-moviment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bejn il-fruntieri b'mod aktar effiċjenti u biex jiżguraw identifikazzjoni u verifika aħjar tal-vjaġġaturi ("fruntieri intelliġenti"). *Għal dan* il-għan, għandu jiġi stabbilit programm li l-għan tiegħu huwa li jkopri l-ispejjeż għall-iżvilupp kemm tal-komponenti ċentrali kif ukoll dawk nazzjonali ta' dan it-tip ta' sistemi, li jiżgura konsistenza teknika, ***interoperabilità ma' sistemi tal-IT oħra tal-UE,*** iffrankar *ta' spejjeż* u implimentazzjoni bla xkiel fl-Istati Membri. |

Or. ro

**Emenda 69**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Dan l-istrument għandu jappoġġja wkoll l-iżvilupp mill-Unjoni Ewropea ta' sistemi tal-IT li jarmaw l-Istati Membri bl-għodod biex jiġġestixxu l-moviment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bejn il-fruntieri b'mod aktar effiċjenti u biex jiżguraw identifikazzjoni u verifika aħjar tal-vjaġġaturi ("fruntieri intelliġenti"). ***B'dan il-għan, għandu jiġi stabbilit programm li l-għan tiegħu huwa li jkopri l-ispejjeż*** | (18) Dan l-istrument għandu jappoġġja wkoll l-iżvilupp mill-Unjoni Ewropea ta' sistemi tal-IT li jarmaw l-Istati Membri bl-għodod biex jiġġestixxu l-moviment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bejn il-fruntieri b'mod aktar effiċjenti u biex jiżguraw identifikazzjoni u verifika aħjar tal-vjaġġaturi ("fruntieri intelliġenti")***, skont il-prinċipji tal-proporzjonalità u n-neċessità. Is-sistemi tal-informazzjoni*** |

| | |
|---|---|
| ***għall-iżvilupp kemm tal-komponenti ċentrali kif ukoll dawk nazzjonali ta' dan it-tip ta' sistemi, li jiżgura konsistenza teknika, iffrankar u implimentazzjoni bla xkiel fl-Istati Membri.*** | ***jridu jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-protezzjoni tad-data personali u mal-obbligi bħalma huma dawk stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni u mill-konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa. Barra minn hekk, tali sistemi ta' informazzjoni m'għandhomx ikunu interkonnessi ma' xulxin jew ma' dawk ta' aġenziji, korpi jew istituzzjonijiet oħra tal-UE. Fl-aħħar, id-data li tkun inġabret u li tkun ġiet ipproċessata m'għandhiex tiġi trasmessa lil pajjiżi terzi.*** |

Or. fr

**Emenda 70**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(19) Sabiex tiġi indirizzata pressjoni migratorja mhux prevista u theddid għas-sigurtà tal-fruntieri għandu jkun possibbli li tiġi provduta assistenza ta' emerġenza f'konformità mal-qafas stabbilit fir-Regolament … 2012/UE li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi.*** | ***imħassar*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Diġà sar provvediment għall-għajnuna ta' emerġenza skont il-proposta għal regolament tal-Kummissjoni dwar l-asil u l-immigrazzjoni (Artikolu 14(5) u (22)); Hemm assenjati EUR 637 miljun għall-'għajnuna ta' emerġenza' u miżuri oħra. Il-proposta għal regolament orizzontali tipprovdi għall-possibilità li jinħarġu l-100% tal-finanzjament tal-'għajnuna ta' emerġenza'. Barra minn hekk, l-għajnuna ta' emerġenza tissemma f'rabta ma' oqsma oħra ta' azzjoni mill-Kummissjoni.*

**Emenda 71**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Sabiex tiġi indirizzata pressjoni migratorja mhux prevista u ***theddid*** għas-sigurtà tal-fruntieri għandu jkun possibbli li tiġi provduta assistenza ta' emerġenza f'konformità mal-qafas stabbilit fir-Regolament … 2012/UE li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi. | (19) Sabiex tiġi indirizzata pressjoni migratorja mhux prevista u ***riskji*** għas-sigurtà tal-fruntieri għandu jkun possibbli li tiġi provduta assistenza ta' emerġenza f'konformità mal-qafas stabbilit fir-Regolament … 2012/UE li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi. |

Or. en

**Emenda 72**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Barra minn hekk, fl-interess tas-solidarjetà msaħħa fiż-żona Schengen b'mod sħiħ, meta jiġu identifikati nuqqasijiet jew ***theddid*** possibbli, b'mod partikolari wara evalwazzjoni ta' Schengen, l-Istat Membru kkonċernat għandu jsegwihom b'mod adegwat bl-użu tar-riżorsi taħt il-programmi tiegħu skont il-prijorità, fejn applikabbli, fejn jikkomplimenta l-azzjonijiet ta' emerġenza. | (20) Barra minn hekk, fl-interess tas-solidarjetà msaħħa fiż-żona Schengen b'mod sħiħ, meta jiġu identifikati nuqqasijiet jew ***riskji*** possibbli, b'mod partikolari wara evalwazzjoni ta' Schengen, l-Istat Membru kkonċernat għandu jsegwihom b'mod adegwat bl-użu tar-riżorsi taħt il-programmi tiegħu skont il-prijorità, fejn applikabbli, fejn jikkomplimenta l-azzjonijiet ta' emerġenza. |

Or. en

**Emenda 73**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Biex tissaħħaħ is-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, għandhom ikunu mħeġġa li jużaw parti mir-riżorsi disponibbli taħt il-programmi għall-prijoritajiet speċifiċi definiti mill-UE, bħax-xiri ta' tagħmir tekniku meħtieġ mill-Aġenzija Frontex u l-iżvilupp tal-kooperazzjoni konsulari għall-Unjoni. | (21) Biex tissaħħaħ is-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, għandhom ikunu mħeġġa li jużaw parti mir-riżorsi disponibbli taħt il-programmi għall-prijoritajiet speċifiċi definiti mill-UE, bħax-xiri ta' tagħmir tekniku meħtieġ mill-Aġenzija Frontex u l-iżvilupp tal-kooperazzjoni konsulari għall-Unjoni ***u l-assistenza lin-nies li jkunu qed ifittxu protezzjoni internazzjonali***. |

Or. en

**Emenda 74**
**Ioan Enciu**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Sabiex tiġi salvagwardjata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fiż-żona Schengen kollha, l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex tkun ivverifikata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen għandha tkun appoġġata wkoll taħt dan ir-Regolament, bħala għodda essenzjali li takkumpanja l-politiki li jiżguraw ***in-nuqqas*** ta' kwalunkwe kontroll fuq persuni*;* | (22) Sabiex tiġi salvagwardjata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fiż-żona Schengen kollha, l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex tkun ivverifikata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen għandha tkun appoġġata wkoll taħt dan ir-Regolament, bħala għodda essenzjali li takkumpanja l-politiki li jiżguraw ***livell għoli ta' protezzjoni tal-fruntieri esterni u n-nuqqas*** ta' kwalunkwe kontroll fuq persuni ***fi ħdan iż-żona ta' Schengen.*** |

Or. ro

**Emenda 75**
**Alexander Alvaro**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Fid-dawl tal-esperjenzi miksuba mill-Fond għall-Fruntieri Esterni u l-iżvilupp tas-SIS u l-VIS, huwa meqjus xieraq li ***tkun permessa l-flessibbiltà*** rigward it-trasferimenti possibbli ta' riżorsi bejn il-mezzi differenti ta' implimentazzjoni tal-objettivi segwiti taħt dan l-istrument, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju li tiġi żgurata mill-bidu massa kritika u stabbiltà finanzjarja għall-programmi u l-appoġġ operattiv għall-Istati Membri. | (23) Fid-dawl tal-esperjenzi miksuba mill-Fond għall-Fruntieri Esterni u l-iżvilupp tas-SIS u l-VIS, huwa meqjus xieraq li ***jkun permess ċertu grad ta' flessibbiltà*** rigward it-trasferimenti possibbli ta' riżorsi bejn il-mezzi differenti ta' implimentazzjoni tal-objettivi segwiti taħt dan l-istrument, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju li tiġi żgurata mill-bidu massa kritika u stabbiltà finanzjarja għall-programmi u l-appoġġ operattiv għall-Istati Membri ***u l-iskrutinju tal-awtorità tal-baġit***. |

Or. en

**Emenda 76**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Fid-dawl tal-esperjenzi miksuba mill-Fond għall-Fruntieri Esterni u l-iżvilupp tas-SIS u l-VIS, huwa meqjus xieraq ***li tkun permessa l-flessibbiltà rigward it-trasferimenti possibbli ta' riżorsi bejn il-mezzi differenti ta' implimentazzjoni*** tal-objettivi segwiti taħt dan l-istrument, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju li tiġi żgurata mill-bidu massa kritika u stabbiltà finanzjarja għall-programmi u l-appoġġ operattiv għall-Istati Membri. | (23) Fid-dawl tal-esperjenzi miksuba mill-Fond għall-Fruntieri Esterni u l-iżvilupp tas-SIS u l-VIS, huwa meqjus xieraq ***li tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-iżvilupp u dawk operazzjonali tal-SIS, b'mod partikolari l-SIS II, u tal-VIS qabel ma jiġu proposti xi estensjoni jew trasferiment ulterjuri tas-sistemi għall-implimentazzjoni*** tal-objettivi segwiti taħt dan l-istrument, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju li tiġi żgurata mill-bidu massa kritika u stabbiltà finanzjarja għall-programmi u l-appoġġ operattiv għall-Istati Membri |

Or. fr

**Emenda 77**
**Ioan Enciu**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Fid-dawl tal-esperjenzi miksuba mill-Fond għall-Fruntieri Esterni u l-iżvilupp tas-SIS u l-VIS, huwa meqjus xieraq li tkun permessa l-flessibbiltà rigward it-trasferimenti possibbli ta' riżorsi bejn il-mezzi differenti ta' implimentazzjoni tal-objettivi segwiti taħt dan l-istrument, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju li tiġi żgurata mill-bidu massa kritika u stabbiltà finanzjarja għall-programmi u l-appoġġ operattiv għall-Istati Membri. | (23) Fid-dawl tal-esperjenzi miksuba mill-Fond għall-Fruntieri Esterni u l-iżvilupp tas-SIS ***II*** u l-VIS, huwa meqjus xieraq li tkun permessa l-flessibbiltà rigward it-trasferimenti possibbli ta' riżorsi bejn il-mezzi differenti ta' implimentazzjoni tal-objettivi segwiti taħt dan l-istrument, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju li tiġi żgurata mill-bidu massa kritika u stabbiltà finanzjarja għall-programmi u l-appoġġ operattiv għall-Istati Membri. |

Or. ro

**Emenda 78**
**Ioan Enciu**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Bl-istess mod, l-ambitu tal-azzjonijiet u l-limitu għar-riżorsi li jibqgħu għad-dispożizzjoni tal-UE ("azzjonijiet tal-Unjoni") għandhom jiżdiedu biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li twettaq f'sena baġitarja partikolari bosta attivitajiet fuq il-ġestjoni tal-fruntieri esterni u tal-politika komuni dwar il-viża fl-interess tal-Unjoni kollha, meta u sakemm jinħolqu l-ħtiġijiet. Azzjonijiet tal-Unjoni bħal dawn jinkludu studji u proġetti pilota biex ***titkompla l-politika*** u l-applikazzjoni tagħha, miżuri | (24) Bl-istess mod, l-ambitu tal-azzjonijiet u l-limitu għar-riżorsi li jibqgħu għad-dispożizzjoni tal-UE ("azzjonijiet tal-Unjoni") għandhom jiżdiedu biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li twettaq f'sena baġitarja partikolari bosta attivitajiet fuq il-ġestjoni tal-fruntieri esterni u tal-politika komuni dwar il-viża fl-interess tal-Unjoni kollha, meta u sakemm jinħolqu l-ħtiġijiet. Azzjonijiet tal-Unjoni bħal dawn jinkludu studji u proġetti pilota biex ***jitkomplew il-politika*** u l-applikazzjoni tagħha, ***it-taħriġ*** |

jew arranġamenti fil-pajjiżi terzi li jindirizzaw il-pressjonijiet migratorji minn dawk il-pajjiżi fl-interess tal-ġestjoni ottimali tal-flussi migratorji fl-UE u organizzazzjoni effiċjenti tal-inkarigi relatati fil- fruntieri esterni u l-konsulati.

***tal-gwardji tal-fruntieri fil-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem,*** miżuri jew arranġamenti fil-pajjiżi terzi li jindirizzaw il-pressjonijiet migratorji minn dawk il-pajjiżi fl-interess tal-ġestjoni ottimali tal-flussi migratorji fl-UE u organizzazzjoni effiċjenti tal-inkarigi relatati fil- fruntieri esterni u l-konsulati.

Or. ro

**Emenda 79**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) ***Bl-istess mod, l-ambitu*** tal-azzjonijiet u l-limitu għar-riżorsi li jibqgħu għad-dispożizzjoni tal-UE ("azzjonijiet tal-Unjoni") għandhom jiżdiedu biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li twettaq f'sena baġitarja partikolari bosta attivitajiet fuq il-ġestjoni tal-fruntieri esterni u tal-politika komuni dwar il-viża fl-interess tal-Unjoni kollha, ***meta u sakemm jinħolqu l-ħtiġijiet***. Azzjonijiet tal-Unjoni bħal dawn jinkludu studji u proġetti pilota biex titkompla l-politika u l-applikazzjoni tagħha, miżuri jew arranġamenti fil-pajjiżi terzi ***li jindirizzaw il-pressjonijiet migratorji minn dawk il-pajjiżi fl-interess tal-ġestjoni ottimali tal-flussi migratorji fl-UE u organizzazzjoni effiċjenti tal-inkarigi relatati fil- fruntieri esterni u l-konsulati***. | (24) ***L-ambitu*** tal-azzjonijiet u l-limitu għar-riżorsi li jibqgħu għad-dispożizzjoni tal-UE ("azzjonijiet tal-Unjoni") għandhom jiżdiedu ***wkoll*** biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li twettaq f'sena baġitarja partikolari bosta attivitajiet fuq il-ġestjoni tal-fruntieri esterni u tal-politika komuni dwar il-viża fl-interess tal-Unjoni kollha, ***pereżempju f'dik li hi kooperazzjoni internazzjonali***. Azzjonijiet tal-Unjoni bħal dawn jinkludu studji u proġetti pilota biex titkompla l-politika ***tal-Unjoni*** u l-applikazzjoni tagħha, miżuri jew arranġamenti fil-pajjiżi terzi ***li jfittxu li jinkoraġġixxu l-iżvilupp fil-pajjiżi terzi***. |

Or. fr

**Emenda 80**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Bl-istess mod, l-ambitu tal-azzjonijiet u l-limitu għar-riżorsi li jibqgħu għad-dispożizzjoni tal-UE ("azzjonijiet tal-Unjoni") għandhom jiżdiedu biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li twettaq f'sena baġitarja partikolari bosta attivitajiet fuq il-ġestjoni tal-fruntieri esterni u tal-politika komuni dwar il-viża fl-interess tal-Unjoni kollha, meta u sakemm jinħolqu l-ħtiġijiet. Azzjonijiet tal-Unjoni bħal dawn jinkludu studji u proġetti pilota biex titkompla l-politika u l-applikazzjoni tagħha***, miżuri jew arranġamenti fil-pajjiżi terzi li jindirizzaw il-pressjonijiet migratorji minn dawk il-pajjiżi fl-interess tal-ġestjoni ottimali tal-flussi migratorji fl-UE u organizzazzjoni effiċjenti tal-inkarigi relatati fil- fruntieri esterni u l-konsulati***. | (24) Bl-istess mod, l-ambitu tal-azzjonijiet u l-limitu għar-riżorsi li jibqgħu għad-dispożizzjoni tal-UE ("azzjonijiet tal-Unjoni") għandhom jiżdiedu biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li twettaq f'sena baġitarja partikolari bosta attivitajiet fuq il-ġestjoni tal-fruntieri esterni u tal-politika komuni dwar il-viża fl-interess tal-Unjoni kollha, meta u sakemm jinħolqu l-ħtiġijiet. Azzjonijiet tal-Unjoni bħal dawn jinkludu studji u proġetti pilota biex titkompla l-politika u l-applikazzjoni tagħha. |

Or. en

**Emenda 81**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(25) Miżuri f'pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom appoġġjati permezz ta' dan l-Istrument għandhom jittieħdu f'sinerġija u koerenza ma' azzjonijiet oħra barra l-UE appoġġjati permezz ta' strumenti ta' assistenza esterna tal-Unjoni, kemm ġeografiċi u tematiċi. B'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet għandha titfittex koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-objettivi ġenerali tal-azzjoni esterna u l-politika barranija tal-Unjoni relatata mal-pajjiż jew ir-reġjun*** | ***imħassar*** |

***ikkonċernati. M'għandhomx ikunu intiżi sabiex jappoġġjaw azzjonijiet direttament orjentati lejn l-iżvilupp u għandhom jikkumplimentaw, fejn xieraq, l-assistenza finanzjarja provduta permezz ta' strumenti tal-għajnuna esterna. Se tiġi żgurata wkoll il-koerenza mal-politika umanitarja tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-assistenza ta' emerġenza.***

Or. en

**Emenda 82**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Miżuri f'pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom appoġġjati permezz ta' dan l-Istrument għandhom jittieħdu f'sinerġija u koerenza ma' azzjonijiet oħra barra l-UE appoġġjati permezz ta' strumenti ta' assistenza esterna tal-Unjoni, kemm ġeografiċi u tematiċi. B'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet għandha titfittex koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-objettivi ġenerali tal-azzjoni esterna u l-politika barranija tal-Unjoni relatata mal-pajjiż jew ir-reġjun ikkonċernati. M'għandhomx ikunu intiżi sabiex jappoġġjaw azzjonijiet direttament orjentati lejn l-iżvilupp u għandhom jikkumplimentaw, fejn xieraq, l-assistenza finanzjarja provduta permezz ta' strumenti tal-għajnuna esterna. Se tiġi żgurata wkoll il-koerenza mal-politika umanitarja tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-assistenza ta' emerġenza. | (25) Miżuri f'pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom appoġġjati permezz ta' dan l-Istrument għandhom jittieħdu f'sinerġija u koerenza ma' azzjonijiet oħra barra l-UE appoġġjati permezz ta' strumenti ta' assistenza esterna tal-Unjoni, kemm ġeografiċi u tematiċi. B'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet għandha titfittex koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-objettivi ġenerali tal-azzjoni esterna u l-politika barranija tal-Unjoni relatata mal-pajjiż jew ir-reġjun ikkonċernati. M'għandhomx ikunu intiżi sabiex jappoġġjaw azzjonijiet direttament orjentati lejn l-iżvilupp u għandhom jikkumplimentaw, fejn xieraq, l-assistenza finanzjarja provduta permezz ta' strumenti tal-għajnuna esterna. Se tiġi żgurata wkoll il-koerenza mal-politika umanitarja tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-assistenza ta' emerġenza. ***Għal dan il-għan għandu jitwaqqaf mill-Kummissjoni grupp ta' ħidma skont ir-Regolament (UE) Nru ..../2012 [regolament orizzontali] biex tiġi*** |

| | |
|---|---|
| | ***żgurata l-aqwa koordinazzjoni bejn id-diversi servizzi u l-partijiet interessati Ewropej.*** |

Or. fr

*Justification*

*The activities carried out in third countries are only eligible for funding under specific regulations following consultation of a working group referred to in Article 6a of the horizontal regulation. Regarding measures in third countries or concerning them, the Commission and Member States and the European External Action Service (EEAS), each within their respective remit, ensure coordination between this regulation and the specific regulations and with other Union instruments and policies, for example those forming part of the EU's external action.*

**Emenda 83**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Miżuri f'pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom appoġġjati permezz ta' dan l-Istrument għandhom jittieħdu f'sinerġija u koerenza ma' azzjonijiet oħra barra l-UE appoġġjati permezz ta' strumenti ta' assistenza esterna tal-Unjoni, kemm ġeografiċi u tematiċi. B'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet għandha titfittex koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-objettivi ġenerali tal-azzjoni esterna u l-politika barranija tal-Unjoni relatata mal-pajjiż jew ir-reġjun ikkonċernati. M'għandhomx ikunu intiżi sabiex jappoġġjaw azzjonijiet direttament orjentati lejn l-iżvilupp u għandhom jikkumplimentaw, fejn xieraq, l-assistenza finanzjarja provduta permezz ta' strumenti tal-għajnuna esterna. Se tiġi żgurata wkoll il-koerenza ***mal-politika umanitarja tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-assistenza ta' emerġenza***. | (25) Miżuri f'pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom appoġġjati permezz ta' dan l-Istrument għandhom jittieħdu f'sinerġija u koerenza ma' azzjonijiet oħra barra l-UE appoġġjati permezz ta' strumenti ta' assistenza esterna tal-Unjoni, kemm ġeografiċi u tematiċi. B'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet għandha titfittex koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-objettivi ġenerali tal-azzjoni esterna u l-politika barranija tal-Unjoni relatata mal-pajjiż jew ir-reġjun ikkonċernati. M'għandhomx ikunu intiżi sabiex jappoġġjaw azzjonijiet direttament orjentati lejn l-iżvilupp u għandhom jikkumplimentaw, fejn xieraq, l-assistenza finanzjarja provduta permezz ta' strumenti tal-għajnuna esterna. Se tiġi żgurata wkoll il-koerenza ***mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri rigward id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija bil-prinċipji u l-valuri tagħha u l-istat tad-*** |

***dritt.***

Or. fr

**Emenda 84**
**Alexander Alvaro**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Il-finanzjament mill-baġit tal-UE għandu jikkonċentra fuq attivitajiet fejn l-intervent tal-UE jista' jagħti valur addizzjonali meta mqabbel ma' azzjoni tal-Istati Membri biss. Peress li l-Unjoni Ewropea tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri biex tipprovdi qafas għall-espressjoni ta' solidarjetà tal-UE fil-kontroll tal-fruntieri, il-politika dwar il-viża u l-ġestjoni tal-flussi migratorji, u biex tipprovdi pjattaforma ***għall-iżvilupp ta'*** sistemi tal-IT komuni li jsostnu dawn il-politiki, l-appoġġ finanzjarju pprovdut taħt dan ir-Regolament jikkontribwixxi b'mod partikolari biex isaħħaħ il-kapaċitajiet nazzjonali u Ewropej f'dawk l-oqsma. | (26) Il-finanzjament mill-baġit tal-UE għandu jikkonċentra fuq attivitajiet fejn l-intervent tal-UE jista' jagħti valur addizzjonali meta mqabbel ma' azzjoni tal-Istati Membri biss. Peress li l-Unjoni Ewropea tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri biex tipprovdi qafas għall-espressjoni ta' solidarjetà tal-UE fil-kontroll tal-fruntieri, il-politika dwar il-viża u l-ġestjoni tal-flussi migratorji, u biex tipprovdi pjattaforma ***għal*** sistemi tal-IT komuni li jsostnu dawn il-politiki, l-appoġġ finanzjarju pprovdut taħt dan ir-Regolament jikkontribwixxi b'mod partikolari biex isaħħaħ il-kapaċitajiet nazzjonali u Ewropej f'dawk l-oqsma. |

Or. en

**Emenda 85**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Il-finanzjament mill-baġit tal-UE għandu jikkonċentra fuq attivitajiet fejn l-intervent tal-UE jista' jagħti valur addizzjonali meta mqabbel ma' azzjoni tal-Istati Membri biss. Peress li l-Unjoni | (26) Il-finanzjament mill-baġit tal-UE għandu jikkonċentra fuq attivitajiet fejn l-intervent tal-UE jista' jagħti valur addizzjonali meta mqabbel ma' azzjoni tal-Istati Membri biss. Peress li l-Unjoni |

| | |
|---|---|
| Ewropea tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri biex tipprovdi qafas għall-espressjoni ta' solidarjetà tal-UE fil-kontroll tal-fruntieri, il-politika dwar il-viża u l-ġestjoni tal-flussi migratorji***, u biex tipprovdi pjattaforma għall-iżvilupp ta' sistemi tal-IT komuni li jsostnu dawn il-politiki***, l-appoġġ finanzjarju pprovdut taħt dan ir-Regolament jikkontribwixxi b'mod partikolari biex isaħħaħ il-kapaċitajiet nazzjonali u Ewropej f'dawk l-oqsma. | Ewropea tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri biex tipprovdi qafas għall-espressjoni ta' solidarjetà tal-UE fil-kontroll tal-fruntieri, il-politika dwar il-viża u l-ġestjoni tal-flussi migratorji, l-appoġġ finanzjarju pprovdut taħt dan ir-Regolament jikkontribwixxi b'mod partikolari biex isaħħaħ il-kapaċitajiet nazzjonali u Ewropej f'dawk l-oqsma. |

Or. en

**Emenda 86**
**Monika Hohlmeier**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(26a)*** |
| | ***It-Trattat ta' Lisbona jipprevedi atti delegati biss bħala atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali relatati ma' elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv. Kwalunkwe element essenzjali jrid jiġi stabbilit fl-att leġiżlattiv in kwestjoni.*** |

Or. en

**Emenda 87**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) Sabiex tkun żgurata applikazzjoni uniformi, effiċjenti u f'waqtha tad-dispożizzjonijiet dwar l-appoġġ operattiv stabbilit f'dan ir-Regolament ***u sabiex jiġi*** | (29) Sabiex tkun żgurata applikazzjoni uniformi, effiċjenti u f'waqtha tad-dispożizzjonijiet dwar l-appoġġ operattiv stabbilit f'dan ir-Regolament, għandhom |

| | |
|---|---|
| ***stabbilit il-qafas għall-programm dwar is-sistemi ġodda tal-IT***, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawn is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni. | jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawn is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni. |

Or. en

**Emenda 88**
**Roberta Angelilli**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-istrument għall-appoġġ finanzjajru ***għall-ġestjoni*** tal-fruntieri esterni u l-politika komuni dwar il-viża (minn *issa iżjed 'il* quddiem imsejjaħ l-"Istrument") bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna (minn hawn *iżjed 'il* quddiem "il-Fond"). | 1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-istrument għall-appoġġ finanzjajru ***għas-sorveljanza, il-kontroll u l-ġestjoni*** tal-fruntieri esterni u l-politika komuni dwar il-viża (minn *hawn 'il* quddiem imsejjaħ l-"Istrument") bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna (minn hawn *'il* quddiem "il-Fond"). |

Or. en

**Emenda 89**
**Marian-Jean Marinescu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) 'livell adegwat ta' protezzjoni tal-fruntieri esterni' tfisser il-livell li għandu jintlaħaq wara d-djalogu ta' politika u*** |

| | |
|---|---|
| | ***skont l-istandards tal-Unjoni dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika komuni dwar il-viża;*** |

Or. en

**Emenda 90**
**Marian-Jean Marinescu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – punt ab (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ab) 'standards komuni tas-sigurtà' tfisser l-applikazzjoni ta' miżuri operazzjonali b'mod komuni u li ma jkunx ifframmentat biex jinkiseb livell ta' sigurtà ddefinit tajjeb fil-qasam tal-kontroll tal-fruntieri, li jsegwi l-linji gwida għall-governanza tajba fuq il-fruntieri u l-viża, skont il-katalgu ta' Schengen għall-kontroll tal-fruntieri esterni, il-Manwal Prattiku għall-gwardji tal-fruntieri u l-Manwal dwar il-viża, u l-linji gwida tal-EUROSUR;*** |

Or. en

**Emenda 91**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(e) 'sitwazzjoni ta' emerġenza' tfisser sitwazzjoni ta' pressjoni urġenti u eċċezzjonali fejn numru kbir ta' ċittadini minn pajjiżi terzi jaqsmu jew ikunu mistennija li jaqsmu l-fruntiera esterna ta' Stat Membru wieħed jew aktar.*** | ***imħassar*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*L-għajnuna ta' emerġenza hija prevista fil-Fond għall-Immigrazzjoni u l-Ażil. Wieħed mill-prinċipji ewlenin fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Fond huwa s-semplifikazzjoni u d-distribuzzjoni aħjar tal-'oqsma partikolari ta' responsabilità' u tal-oqsma ta' azzjoni. L-emenda għandha l-għan li tilħaq l-objettivi stabbiliti mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward b'mod aktar effettiv.*

**Emenda 92**
**Alexander Alvaro**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) 'sitwazzjoni ta' emerġenza' tfisser sitwazzjoni ta' pressjoni urġenti u eċċezzjonali fejn numru *kbir* ta' ċittadini minn pajjiżi terzi jaqsmu jew ikunu mistennija li jaqsmu l-fruntiera esterna ta' Stat Membru wieħed jew aktar. | (e) 'sitwazzjoni ta' emerġenza' tfisser sitwazzjoni ta' pressjoni urġenti u eċċezzjonali fejn numru *kbir **u** sproporzjonat* ta' ċittadini minn pajjiżi terzi jaqsmu jew ikunu mistennija li jaqsmu l-fruntiera esterna ta' Stat Membru wieħed jew aktar. |

Or. en

**Emenda 93**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) 'sitwazzjoni ta' emerġenza' tfisser sitwazzjoni ta' pressjoni urġenti u eċċezzjonali fejn numru kbir ta' ċittadini minn pajjiżi terzi jaqsmu ***jew ikunu mistennija li jaqsmu*** l-fruntiera esterna ta' Stat Membru wieħed jew aktar. | (e) 'sitwazzjoni ta' emerġenza' tfisser sitwazzjoni ta' pressjoni urġenti u eċċezzjonali fejn numru kbir ta' ċittadini minn pajjiżi terzi jaqsmu l-fruntiera esterna ta' Stat Membru wieħed jew aktar. |

Or. en

**Emenda 94**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) 'riskju' tfisser fattur li jaffettwa jew li hu mistenni li jaffettwa l-kwalità tal-kontroll fil-fruntieri esterni, il-qsim bla xkiel tal-fruntieri esterni kif ukoll l-aċċess effettiv għat-territorju tal-Istati Membri għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali.*** |

Or. en

**Emenda 95**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-objettiv ġenerali tal-Istrument għandu jkun li jikkontribwixxi biex *jiżgura* ***livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni*** Ewropea. | 1. L-objettiv ġenerali tal-Istrument għandu jkun li jikkontribwixxi biex *jiġi żgurat* ***kontroll tal-fruntieri esterni uniformi u ta' kwalità għolja filwaqt li jiffaċilita l-mobilità f'ambjent sigur għal ġol-Unjoni*** Ewropea***, filwaqt li jiżgura li jinżamm l-impenn tal-Unjoni għal-libertajiet fundamentali u għad-drittijiet tal-bniedem****.* |

Or. en

**Emenda 96**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-objettiv ġenerali tal-Istrument għandu jkun li jikkontribwixxi biex *jiżgura* livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni Ewropea. | 1. L-objettiv ġenerali tal-Istrument għandu jkun li jikkontribwixxi biex *jiġi żgurat* livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni Ewropea ***filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali***. |

Or. fr

**Emenda 97**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-objettiv ġenerali tal-Istrument għandu jkun li jikkontribwixxi biex *jiżgura* livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni Ewropea. | 1. L-objettiv ġenerali tal-Istrument għandu jkun li jikkontribwixxi biex *jiġi żgurat* livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni Ewropea***, f'konformità mal-obbligi tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha rigward id-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-prinċipju tan-non-refoulement u l-jedd tal-asil rikonoxxuti taħt il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-KEDB***. |

Or. fr

**Emenda 98**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-appoġġ għal politika komuni dwar il-viża għall-iffaċilitar ***tal-ivjaġġar leġittimu***, | (a) l-appoġġ għal politika komuni dwar il-viża għall-iffaċilitar ***tal-mobilità***, ***il-*** |

| | |
|---|---|
| l-iżgurar tat-trattament ugwali *ta' ċittadini* minn pajjiżi terzi u ***l-indirizzar*** tal-migrazzjoni irregolari | ***provvediment ta' servizz ta' kwalità għolja lil dawk li japplikaw għal viża,*** l-iżgurar tat-trattament ugwali *taċ-ċittadini* minn pajjiżi terzi ***kif ukoll l-applikazzjoni uniformi tal-Kodiċi dwar il-Viżi*** u ***l-prevenzjoni*** tal-migrazzjoni irregolari |

Or. en

**Emenda 99**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-appoġġ ta' politika komuni tal-viża biex tiffaċilita l-ivvjaġġar ***leġittimu***, l-iżgurar ta' trattament ugwali ta' ċittadini *ta'pajjiżi* terzi u l-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari*;* | (a) l-appoġġ ta' politika komuni tal-viża biex tiffaċilita l-ivvjaġġar ***skont id-dritt tal-Unjoni jew tal-Istat Membru kkonċernat***, l-iżgurar ta' trattament ugwali ta' ċittadini *ta' pajjiżi* terzi u l-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari*.* |

Or. fr

**Emenda 100**
**Ioan Enciu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-appoġġ ta' politika komuni tal-viża biex tiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu, l-iżgurar ta' trattament ugwali ta' ċittadini *ta'pajjiżi* terzi u l-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari; | (a) l-appoġġ ta' politika komuni tal-viża biex tiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu, l-iżgurar ta' trattament ugwali ta' ċittadini ***Ewropej u*** *ta' pajjiżi* terzi u l-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari; |

Or. ro

**Emenda 101**
**Jan Mulder**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel fuq indikaturi bħal, fost oħrajn, in-numru ta' postijiet konsulari mgħammra, sikuri u/jew imtejjba biex jiżguraw l-ipproċessar effiċjenti ta' applikazzjonijiet *dwar il-viżi* u jipprovdu kwalità ta' servizz għall-applikanti għall-viżi. | Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel ***mill-Kummissjoni*** fuq indikaturi bħal, fost oħrajn, in-numru ta' postijiet konsulari mgħammra, sikuri u/jew imtejjba biex jiżguraw l-ipproċessar effiċjenti ta' applikazzjonijiet *għall-viżi* u jipprovdu kwalità ta' servizz għall-applikanti għall-viżi ***u l-għadd ta' persuni li jkunu ġew maqbuda għax ikunu qagħdu aktar milli kien permess***. |

Or. en

**Emenda 102**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel fuq indikaturi bħal, fost oħrajn, in-numru ta' postijiet konsulari mgħammra, sikuri u/jew imtejjba biex jiżguraw l-ipproċessar effiċjenti ta' applikazzjonijiet *dwar il-viżi* u jipprovdu kwalità ta' servizz għall-applikanti għall-viżi. | Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel fuq indikaturi bħal, fost oħrajn, in-numru ta' postijiet konsulari mgħammra, sikuri u/jew imtejjba biex jiżguraw l-ipproċessar effiċjenti ta' applikazzjonijiet *għall-viżi* u jipprovdu kwalità ta' servizz għall-applikanti għall-viżi***, il-għadd ta' ċentri komuni fejn isiru l-applikazzjonijiet tal-viżi kif ukoll it-tul medju taż-żmien li wieħed idum jistenna biex tittieħed deċiżjoni dwar applikazzjoni għal viża, is-sehem ta' viżi għal dħul multiplu, is-sehem ta' viżi rrifjutati u l-ispejjeż medji tal-viżi li jħallsu l-applikanti skont kull post konsular***. |

Or. en

**Emenda 103**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-appoġġ ta' ġestjoni għall-fruntieri, biex jiġi żgurat, minn naħa waħda, livell għoli ta' ***protezzjoni*** tal-fruntieri esterni u, min-naħa l-oħra, il-qsim bla xkiel tal-fruntieri esterni skont l-acquis ta' Schengen. | (b) l-appoġġ ta' ġestjoni għall-fruntieri, biex jiġi żgurat, minn naħa waħda, livell għoli ta' ***kontroll*** tal-fruntieri esterni u, min-naħa l-oħra, il-qsim bla xkiel tal-fruntieri esterni skont l-acquis ta' Schengen***, u ġestjoni tal-fruntieri li tkun sensittiva għall-protezzjoni***. |

Or. en

**Emenda 104**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-appoġġ għall-ġestjoni tal-fruntieri, l-iżgurar, fuq naħa, ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-fruntieri esterni u, min-naħa l-oħra, qsim bla problemi tal-fruntieri esterni skont l-acquis ta' Schengen. | (b) l-appoġġ għall-ġestjoni tal-fruntieri, l-iżgurar, fuq naħa, ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-fruntieri esterni u, min-naħa l-oħra, qsim bla problemi tal-fruntieri esterni skont l-acquis ta' Schengen***, filwaqt li jiġi ggarantit l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk li jeħtiġuha, skont l-obbligi kkuntrattati mill-Istati Membri fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-prinċipju tan-non-refoulement***. |

Or. fr

**Emenda 105**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-appoġġ għall-ġestjoni tal-fruntieri, l-iżgurar, fuq naħa, ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-fruntieri esterni u, min-naħa l-oħra, qsim bla problemi tal-fruntieri esterni skont l-acquis ta' Schengen. | (b) l-appoġġ għall-ġestjoni tal-fruntieri, l-iżgurar, fuq naħa, ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-fruntieri esterni u, min-naħa l-oħra, qsim bla problemi tal-fruntieri esterni skont l-acquis ta' Schengen***, u jiġi ggarantit l-aċċess għall-proċedura tal-asil, ikun x'ikun il-metodu li bih il-persuna tkun waslet fuq it-territorju ta' Stat Membru, skont l-obbligi internazzjonali tal-Istati Membri rigward id-drittijiet tal-bniedem u inkluż il-prinċipju tan-non-refoulement***. |

Or. fr

**Emenda 106**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel fuq indikaturi bħal, *fost oħrajn*, l-iżvilupp ta' tagħmir għall-kontroll tal-fruntieri ***u l-qbid*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari fil-fruntieri esterni *fil-korrispondenza* mar-riskju tat-taqsima relevanti tal-fruntiera esterna. | Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel fuq indikaturi bħal, *inter alia*, l-iżvilupp ta' tagħmir għall-kontrol tal-fruntieri***, il-qbid*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari fil-fruntieri esterni ***u l-għadd ta' applikazzjonijiet li jsiru għall-protezzjoni internazzjonali fil-fruntieri esteri,*** *f'korrispondenza* mar-riskju tat-taqsima relevanti tal-fruntiera esterna. |

Or. fr

**Emenda 107**
**Ioan Enciu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel fuq indikaturi bħal, *fost oħrajn*, l-iżvilupp ta' tagħmir għall-kontrol tal-fruntieri u l-qbid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari fil-fruntieri esterni *fil-korrispondenza* mar-riskju tat-taqsima relevanti tal-fruntiera esterna. | Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel fuq indikaturi bħal, *inter alia*, l-iżvilupp ta' tagħmir għall-kontrol tal-fruntieri***, it-taħriġ tal-gwardji tal-fruntieri fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem,*** u l-qbid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari fil-fruntieri esterni *f'korrispondenza* mar-riskju tat-taqsima relevanti tal-fruntiera esterna. |

Or. ro

**Emenda 108**
**Jan Mulder**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel fuq indikaturi bħal, *fost oħrajn*, l-iżvilupp ta' tagħmir għall-kontrol tal-fruntieri u l-qbid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari fil-fruntieri esterni *fil-korrispondenza* mar-riskju tat-taqsima relevanti tal-fruntiera esterna. | Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel ***mill-Kummissjoni*** fuq indikaturi bħal, *inter alia*, l-iżvilupp ta' tagħmir għall-kontrol tal-fruntieri u l-qbid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari fil-fruntieri esterni *f'korrispondenza* mar-riskju tat-taqsima relevanti tal-fruntiera esterna. |

Or. en

**Emenda 109**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel fuq indikaturi bħal, *fost oħrajn*, l-iżvilupp | Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel fuq indikaturi bħal, *inter alia*, l-iżvilupp ta' |

| | |
|---|---|
| ta' tagħmir għall-kontrol tal-fruntieri u l-qbid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari fil-fruntieri esterni *fil-korrispondenza* mar-riskju tat-taqsima relevanti tal-fruntiera esterna. | tagħmir għall-kontrol tal-fruntieri***, il-medja taż-żmien li wieħed idum jistenna fil-punti tal-qsim tal-fruntieri*** u l-qbid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari fil-fruntieri esterni *f'korrispondenza* mar-riskju tat-taqsima relevanti tal-fruntiera esterna***, u l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li regolarment jaqsmu l-istess taqsima tal-fruntiera esterna***. |

Or. en

**Emenda 110**
**Roberta Angelilli**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) it-titjib tas-sorveljanza tal-fruntieri permezz tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri u l-Frontex bil-għan li jitnaqqas it-telf ta' ħajjiet fuq il-baħar u l-għadd ta' immigranti irregolari u tiżdiet is-sigurtà interna billi jiġu pprevenuti r-reati transkonfinali, bħalma huma l-ittraffikar tal-bnedmin u l-kuntrabandu tad-drogi.***<br>***L-ilħiq ta' dan l-objettiv għandu jitkejjel fuq indikaturi bħalma huma, inter alia, l-effiċjenza tal-intervent tat-tiftix u s-salvataġġ għall-persuni li jittantaw jaqsmu l-fruntiera b'mod illegali, il-għadd ta' azzjonijiet ta' traffikar u kuntrabandu li jiġu interċettati u l-għadd ta' allarmi identifikati fl-istampa tas-sitwazzjoni tal-UE.*** |

Or. en

**Emenda 111**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-acquis dwar l-asil fil-fruntieri esterni biex jiġi żgurat aċċess effettiv għat-territorju tal-Istati Membri u għall-proċedura ta' reġistrazzjoni għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, f'konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni, il-prinċipju tan-non-refoulement u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt tal-Baħar.*** |
| | ***L-ilħiq ta' dan l-objettiv għandu jitkejjel fuq indikaturi bħalma huma, inter alia, l-għadd ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fil-fruntieri esterni, il-għadd ta' persuni li jidħlu fit-territorju tal-Istati Membri, il-għadd ta' mwiet irreġistrati li jkunu saru fuq il-baħar, il-għadd ta' reġistrazzjonijiet fil-fruntieri esterni u l-kwalità tal-akkoljenza.*** |

Or. en

**Emenda 112**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – paragrafu ta' għeluq**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-objettivi stabbiliti fil-punti (a) u (b) għandhom jintlaħqu bil-kunsiderazzjoni dovuta għall-objettivi u l-prinċipji tal-azzjoni esterna u tal-politika umanitarja tal-Unjoni. Il-konsistenza u l-kumplementarjetà mal-miżuri ffinanzjati mill-istrumenti għall-iffinanzjar estern tal-Unjoni għandhom jiġu vverifikati minn grupp ta' ħidma msemmi fl-Artikolu*** |

***16a(1).***

Or. fr

**Emenda 113**
**Jan Mulder**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – paragrafu ta' għeluq**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni t-tagħrif neċessarju li huwa meħtieġ għall-ivvalutar ta' dak li jkun intlaħaq, kif imkejjel mal-indikaturi. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-valutazzjoni ta' dak li jkun intlaħaq.*** |

Or. en

**Emenda 114**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki li jiżguraw in-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq il-persuni, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri interni, it-twettaq ta' kontrolli fuq il-persuni u l-monitoraġġ effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni; | (a) il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ***u l-infurzar*** tal-politiki li jiżguraw in-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq il-persuni, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri interni, it-twettaq ta' kontrolli fuq il-persuni u l-monitoraġġ effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni; |

Or. en

**Emenda 115**
**Jan Mulder**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki li jiżguraw ***in-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq*** il-persuni, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, ***meta jaqsmu l-fruntieri interni***, it-twettaq ta' kontrolli fuq il-persuni u l-monitoraġġ effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni; | (a) il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki li jiżguraw ***il-qsim liberu tal-fruntieri interni tal-persuni***, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, ***filwaqt li fl-istess ħin***, *isir* it-twettaq ta' kontrolli fuq il-persuni u l-monitoraġġ effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni; |

Or. en

**Emenda 116**
**Timothy Kirkhope**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) il-promozzjoni tal-identifikazzjoni, l-għajnuna immedjata u r-riferiment għand is-servizzi tal-protezzjoni tat-tfal li jinsabu f'riskju, inkluża d-dispożizzjoni ta' protezzjoni u għajnuna speċjali għat-tfal li ma jkunux akkumpanjati;*** |

Or. en

**Emenda 117**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) l-istabbiliment b'mod gradwali ta' sistema ta' ġestjoni integrata għall-*** | ***imħassar*** |

***fruntieri esterni, inkluż ir-rinfurzar ta' kooperazzjoni bejn l-aġenziji bejn awtoritajiet tal-migrazzjoni u tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fil-fruntieri esterni u l-miżuri fit-territorju u l-miżuri neċessarji ta' akkumpanjament relatati mas-sigurtà tad-dokumenti u l-ġestjoni tal-identità;***

Or. fr

**Emenda 118**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-istabbiliment b'mod gradwali ta' sistema ta' ġestjoni integrata għall-fruntieri esterni, inkluż ir-rinfurzar *ta' kooperazzjoni* bejn l-aġenziji bejn *awtoritajiet* tal-migrazzjoni u tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fil-fruntieri esterni u l-miżuri fit-territorju u l-miżuri neċessarji ta' akkumpanjament relatati mas-sigurtà tad-dokumenti u l-ġestjoni *tal-identità*; | (b) l-istabbiliment b'mod gradwali ta' sistema ta' ġestjoni integrata għall-fruntieri esterni, inkluż ir-rinfurzar *tal-kooperazzjoni ta'* bejn l-aġenziji bejn *l-awtoritajiet* tal-migrazzjoni, ***tal-asil*** u tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fil-fruntieri esterni u l-miżuri fit-territorju u l-miżuri neċessarji ta' akkumpanjament relatati mas-sigurtà tad-dokumenti u l-ġestjoni *tal-identitajiet*; |

Or. fr

**Emenda 119**
**Alexander Alvaro**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-istabbiliment b'mod gradwali ta' sistema ta' ġestjoni integrata għall-fruntieri esterni, inkluż ir-rinfurzar *ta' kooperazzjoni* bejn l-aġenziji bejn | (b) l-istabbiliment b'mod gradwali ta' sistema ta' ġestjoni integrata għall-fruntieri esterni, inkluż ir-rinfurzar *tal-kooperazzjoni ta'* bejn l-aġenziji bejn *l-* |

| | |
|---|---|
| *awtoritajiet* tal-migrazzjoni u tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fil-fruntieri esterni u l-miżuri fit-territorju u l-miżuri neċessarji ta' akkumpanjament relatati mas-sigurtà tad-dokumenti u l-ġestjoni *tal-identità*; | *awtoritajiet* tal-migrazzjoni u tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fil-fruntieri esterni u l-miżuri fit-territorju u l-miżuri neċessarji ta' akkumpanjament relatati mas-sigurtà tad-dokumenti u l-ġestjoni *tal-identitajiet**, filwaqt li jiġu żgurati l-konformità sħiħa mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u r-rispett sħiħ għad-drittijiet u l-prinċipji mnaqqxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***; |

Or. en

**Emenda 120**
**Ioan Enciu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-istabbiliment b'mod gradwali ta' sistema ta' ġestjoni integrata għall-fruntieri esterni, inkluż ir-rinfurzar *ta' kooperazzjoni* bejn l-aġenziji bejn *awtoritajiet* tal-migrazzjoni u tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fil-fruntieri esterni u l-miżuri fit-territorju u l-miżuri neċessarji ta' akkumpanjament relatati mas-sigurtà tad-dokumenti u l-ġestjoni *tal-identità*; | (b) l-istabbiliment b'mod gradwali ta' sistema ta' ġestjoni integrata għall-fruntieri esterni, inkluż ***il-ħolqien ta' sistema tal-UE ta' sorveljanza tal-fruntieri,*** ir-rinfurzar *tal-kooperazzjoni ta'* bejn l-aġenziji bejn *l-awtoritajiet* tal-migrazzjoni u tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fil-fruntieri esterni u l-miżuri fit-territorju u l-miżuri neċessarji ta' akkumpanjament relatati mas-sigurtà tad-dokumenti u l-ġestjoni *tal-identitajiet*; |

Or. ro

**Emenda 121**
**Monika Hohlmeier**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-istabbiliment b'mod gradwali ta' | (b) l-istabbiliment b'mod gradwali ta' |

| | |
|---|---|
| sistema ta' ġestjoni integrata għall-fruntieri esterni, inkluż ir-rinfurzar *ta' kooperazzjoni* bejn l-aġenziji bejn *awtoritajiet* tal-migrazzjoni u tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fil-fruntieri esterni u l-miżuri fit-territorju u l-miżuri neċessarji ta' akkumpanjament relatati mas-sigurtà tad-dokumenti u l-ġestjoni *tal-identità*; | sistema ta' ġestjoni integrata għall-fruntieri esterni, inkluż ir-rinfurzar *tal-kooperazzjoni ta'* bejn l-aġenziji bejn *l-awtoritajiet* tal-migrazzjoni u tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fil-fruntieri esterni u l-miżuri fit-territorju u l-miżuri neċessarji ta' akkumpanjament relatati mas-sigurtà tad-dokumenti u l-ġestjoni *tal-identitajiet****, kif ukoll l-interoperabilità tat-tagħmir tekniku miksub***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Bil-għan li jiġi ggarantit infiq effikaċi tal-fondi tal-UE, jeħtieġ li jiġi żgurat li t-tagħmir tekniku miksub għat-twettiq tal-kompiti fi ħdan l-objettivi ta' dan ir-Regolament huwa interoperabbli u ma jwassalx għal żviluppi paralleli mingħajr il-valur miżjud tal-UE.*

**Emenda 122**
**Jan Mulder**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-istabbiliment b'mod gradwali ta' sistema ta' ġestjoni integrata għall-fruntieri esterni, inkluż ir-rinfurzar *ta' kooperazzjoni* bejn l-aġenziji bejn *awtoritajiet* tal-migrazzjoni u tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fil-fruntieri esterni u l-miżuri fit-territorju u l-miżuri neċessarji ta' akkumpanjament relatati mas-sigurtà tad-dokumenti u l-ġestjoni *tal-identità*; | (b) l-istabbiliment b'mod gradwali ta' sistema ta' ġestjoni integrata ***bbażata fuq is-solidarjetà u r-responsabilità*** għall-fruntieri esterni, inkluż ir-rinfurzar *tal-kooperazzjoni ta'* bejn l-aġenziji bejn *l-awtoritajiet* tal-migrazzjoni u tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fil-fruntieri esterni u l-miżuri fit-territorju u l-miżuri neċessarji ta' akkumpanjament relatati mas-sigurtà tad-dokumenti u l-ġestjoni *tal-identitajiet*; |

Or. en

**Emenda 123**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-istabbiliment b'mod gradwali ta' sistema ta' ġestjoni integrata għall-fruntieri esterni, inkluż ir-rinfurzar *ta' kooperazzjoni* bejn l-aġenziji bejn *awtoritajiet* tal-migrazzjoni u tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fil-fruntieri esterni u l-miżuri fit-territorju u l-miżuri neċessarji ta' akkumpanjament relatati mas-sigurtà tad-dokumenti u l-ġestjoni *tal-identità*; | (b) l-istabbiliment b'mod gradwali ta' sistema ta' ġestjoni integrata għall-fruntieri esterni, inkluż ir-rinfurzar *tal-kooperazzjoni ta'* bejn l-aġenziji bejn***, inter alia,*** *l-awtoritajiet* ***tal-kontroll tal-fruntieri,*** tal-migrazzjoni***, tal-asil*** u tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fil-fruntieri esterni u l-miżuri fit-territorju***, inkluż fil-qasam tal-fruntieri tal-baħar*** u l-miżuri neċessarji ta' akkumpanjament relatati mas-sigurtà tad-dokumenti u l-ġestjoni *tal-identitajiet* ***kif ukoll is-salvataġġ tan-nies fuq il-baħar***; |

Or. en

**Emenda 124**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika komuni dwar il-viżi u permessi oħra ta' residenza għal permanenza qasira, inkluża l-kooperazzjoni konsulari; | (c) il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika komuni dwar il-viżi u permessi oħra ta' residenza għal permanenza qasira, inkluża l-kooperazzjoni konsulari***, it-titjib tal-kopertura konsulari fil-pajjiżi terzi, proċeduri u deċiżjonijiet amministrattivi uniformi u komuni dwar il-viża, filwaqt li jsir użu sħiħ tat-titjibiet prattiċi u l-flessibilità pprovduti mill-Kodiċi dwar il-Viżi.*** |

Or. en

**Emenda 125**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) it-twaqqif u t-tmexxija ***ta' sistemi tal-IT, l-infrastruttura*** *ta' komunikazzjoni tagħhom* u *tagħmir* li *jappoġġja l-ġestjoni* tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni; | (d) it-twaqqif u t-tmexxija ***tal-infrastruttura*** *tal-komunikazzjoni* u *tat-tagħmir* ***tal-IT*** *tagħhom* li *jappoġġjaw il-ġestjoni* tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni***, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett strett għad-drittijiet tal-bniedem u b'mod partikolari tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali***; |

Or. fr

**Emenda 126**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) it-twaqqif u t-tmexxija ta' sistemi tal-IT, l-infrastruttura *ta' komunikazzjoni* tagħhom u tagħmir li *jappoġġja* l-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni; | (d) it-twaqqif u t-tmexxija ta' sistemi tal-IT, l-infrastruttura *ta' komunikazzjoni* tagħhom u tagħmir li *jappoġġjaw il-ġestjoni* tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni***, b'rispett sħiħ tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data***; |

Or. en

**Emenda 127**
**Ioan Enciu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) l-iżgurar tal-applikazzjoni effiċjenti u uniformi tal-acquis tal-UE dwar il-fruntieri u *l-viża*, ***inkluż*** il-funzjonament tal-mekkaniżmu *tal-evalwazzjoni* u l-monitoraġġ ta' Schengen; | (e) l-iżgurar tal-applikazzjoni effiċjenti u uniformi tal-acquis tal-UE dwar il-fruntieri u *l-viżi*, ***b'mod partikolari billi jiġi żgurat*** il-funzjonament tal-mekkaniżmu *tal-valutazzjoni* u l-monitoraġġ ta' Schengen; |

Or. ro

**Emenda 128**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) l-iżgurar tal-applikazzjoni effiċjenti u uniformi tal-acquis tal-UE dwar il-fruntieri u *l-viża*, inkluż il-funzjonament tal-mekkaniżmu *tal-evalwazzjoni* u l-monitoraġġ ta' Schengen; | (e) l-iżgurar tal-applikazzjoni effiċjenti u uniformi tal-acquis tal-UE dwar il-fruntieri***, l-asil*** u *l-viżi*, inkluż il-funzjonament tal-mekkaniżmu *tal-valutazzjoni* u l-monitoraġġ ta' Schengen; |

Or. fr

**Emenda 129**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) l-iżgurar tal-applikazzjoni effiċjenti u uniformi tal-acquis tal-UE dwar il-fruntieri u *l-viża*, inkluż il-funzjonament tal-mekkaniżmu *tal-evalwazzjoni* u l-monitoraġġ ta' Schengen; | (e) l-iżgurar tal-applikazzjoni effiċjenti u uniformi tal-acquis tal-UE dwar il-fruntieri***, l-asil*** u *l-viżi*, inkluż il-funzjonament tal-mekkaniżmu *tal-valutazzjoni* u l-monitoraġġ ta' Schengen; |

Or. en

**Emenda 130**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(f) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri li joperaw f'pajjiżi terzi fir-rigward tal-flussi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Istati Membri, kif ukoll il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi f'dan ir-rigward.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 131**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni ***bejn l-Istati Membri li joperaw f'pajjiżi*** terzi ***fir-rigward tal-flussi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju*** tal-Istati Membri***, kif ukoll il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi f'dan ir-rigward***. | (f) it-tisħiħ ***b'mod partikolari*** tal-kooperazzjoni***, inkluża l-kooperazzjoni kulturali mal-pajjiżi terzi li għadd kbir taċ-ċittadini tagħhom qed ifittxu li jmorru jgħixu b'mod permanenti fit-territorju*** tal-Istati Membri. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li wieħed jikkopera b'mod dirett mal-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi; ir-rappreżentazzjonijiet tal-Istati Membri m'għandhomx is-setgħa li jintervjenu b'mod dirett fil-pajjiżi terzi. Jeħtieġ ukoll li tiġi enfasizzata l-importanza tal-kultura u tal-iskambji kulturali.*

**Emenda 132**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri li joperaw f'pajjiżi terzi fir-rigward tal-flussi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Istati Membri, kif ukoll il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi f'dan ir-rigward. | (f) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri li joperaw f'pajjiżi terzi fir-rigward tal-flussi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Istati Membri, kif ukoll il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi f'dan ir-rigward***, billi jkun żgurat ir-rispett għall-objettivi u l-prinċipju tal-azzjoni esterna u l-politika ta' armonizzazzjoni tal-UE***. |

Or. fr

**Emenda 133**
**Georgios Papanikolaou**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri li joperaw f'pajjiżi terzi fir-rigward tal-flussi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Istati Membri, kif ukoll il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi f'dan ir-rigward. | (f) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri li joperaw f'pajjiżi terzi fir-rigward tal-flussi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Istati Membri, kif ukoll il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi f'dan ir-rigward ***u l-finanzjament tal-miżuri f'pajjiżi terzi mill-awtoritajiet ta' dawk il-pajjiżi***. |

Or. el

**Emenda 134**
**Marian-Jean Marinescu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fi ħdan l-objettivi definiti fl-Artikolu 3, u fid-dawl tal-konklużjonijiet maqbula tad-djalogu politiku kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru .../2012 [Ir-Regolament Orizzontali], l-Istrument għandu jappoġġja azzjonijiet fi jew mill-Istati Membri u b'mod partikolari dan li ġej: | 1. Fi ħdan l-objettivi definiti fl-Artikolu 3, u fid-dawl tal-konklużjonijiet maqbula tad-djalogu politiku kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru .../2012 [Ir-Regolament Orizzontali], l-Istrument għandu jappoġġja azzjonijiet fi jew mill-Istati Membri***, billi jikkontribwixxu għall-ksib ta' livell adegwat ta' protezzjoni fil-fruntieri esterni b'konformità mal-istandards ta' sigurtà komuni*** u b'mod partikolari dan li ġej: |

Or. en

**Emenda 135**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) l-infrastrutturi, il-bini u s-sistemi tal-qsim tal-fruntieri meħtieġa f'punti tal-qsim tal-fruntieri u għas-sorveljanza bejn punti tal-qsim tal-fruntieri u l-indirizzar effettiv ta' qsim illegali tal-fruntieri esterni;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 136**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-infrastrutturi, il-bini u s-sistemi tal-qsim tal-fruntieri meħtieġa f'punti tal-qsim | (a) l-infrastrutturi, il-bini u s-sistemi tal-qsim tal-fruntieri meħtieġa f'punti tal-qsim |

| | |
|---|---|
| tal-fruntieri u għas-sorveljanza bejn punti tal-qsim tal-fruntieri ***u l-indirizzar*** effettiv ***ta' qsim illegali tal-fruntieri*** esterni; | tal-fruntieri u għas-sorveljanza bejn punti tal-qsim tal-fruntieri***, kif ukoll għas-salvataġġ*** effettiv ***matul l-operazzjonijiet fuq il-baħar ta' nies li jkunu fil-periklu fil-fruntieri marittimi*** esterni; |

Or. en

**Emenda 137**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-infrastrutturi, il-bini u s-sistemi tal-qsim tal-fruntieri meħtieġa f'punti tal-qsim tal-fruntieri u għas-sorveljanza bejn punti tal-qsim tal-fruntieri u l-indirizzar effettiv ta' qsim ***illegali*** tal-fruntieri esterni; | (a) l-infrastrutturi, il-bini u s-sistemi tal-qsim tal-fruntieri meħtieġa f'punti tal-qsim tal-fruntieri u għas-sorveljanza bejn punti tal-qsim tal-fruntieri u l-indirizzar effettiv ta' qsim ***irregolari*** tal-fruntieri esterni; |

Or. fr

**Emenda 138**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) it-tagħmir operattiv***, il-mezzi tat-trasport u s-sistemi ta' komunikazzjoni meħtieġa għall-kontroll effettiv*** tal-fruntieri ***u t-tisjib ta' persuni***, bħal terminali fissi għall-VIS***,*** SIS ***u s-Sistema Ewropea ta' Arkivjar ta' Immaġni (FADO), inkluż teknoloġija avvanzata***; | (b) it-tagħmir operattiv ***meħtieġ għal sorveljanza effettiva*** tal-fruntieri, bħal terminali fissi għall-VIS ***u*** SIS***, filwaqt li jkunu rispettati b'mod strett il-jeddijiet tal-bniedem u b'mod partikolari il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali***; |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*It is essential to remember that these systems must comply with EU personal data protection provisions.*

**Emenda 139**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) it-tagħmir operattiv, il-mezzi tat-trasport u s-sistemi ta' komunikazzjoni meħtieġa għall-kontroll effettiv tal-fruntieri u t-tisjib ta' persuni, bħal terminali fissi għall-VIS, SIS u s-Sistema Ewropea ta' Arkivjar ta' Immaġni (FADO)***, inkluż teknoloġija avvanzata***; | (b) it-tagħmir operattiv u s-sistemi ta' komunikazzjoni meħtieġa għall-kontroll effettiv tal-fruntieri u t-tisjib ta' persuni, bħal terminali fissi għall-VIS, SIS u s-Sistema Ewropea ta' Arkivjar ta' Immaġni (FADO); |

Or. en

**Emenda 140**
**Simon Busuttil**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) it-tagħmir operattiv, il-mezzi tat-trasport u s-sistemi ta' komunikazzjoni meħtieġa għall-kontroll effettiv tal-fruntieri u t-tisjib ta' persuni, bħal terminali fissi għall-VIS, SIS u s-Sistema Ewropea ta' Arkivjar ta' Immaġni (FADO), inkluż teknoloġija avvanzata; | (b) it-tagħmir operattiv, il-mezzi tat-trasport u s-sistemi ta' komunikazzjoni meħtieġa għall-kontroll effettiv tal-fruntieri***, tfittxija u salvataġġ*** u t-tisjib ta' persuni, bħal terminali fissi għall-VIS, SIS u s-Sistema Ewropea ta' Arkivjar ta' Immaġni (FADO), inkluż teknoloġija avvanzata; |

Or. en

**Emenda 141**
**Alexander Alvaro**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) it-tagħmir operattiv, il-mezzi tat-trasport u s-sistemi ta' komunikazzjoni meħtieġa għall-kontroll effettiv tal-fruntieri u t-tisjib ta' persuni, bħal terminali fissi għall-VIS, SIS u s-Sistema Ewropea ta' Arkivjar ta' Immaġni (FADO), inkluż teknoloġija avvanzata; | (b) it-tagħmir operattiv, il-mezzi tat-trasport u s-sistemi ta' komunikazzjoni meħtieġa għall-kontroll effettiv ***u sigur*** tal-fruntieri u t-tisjib ta' persuni, bħal terminali fissi għall-VIS, SIS u s-Sistema Ewropea ta' Arkivjar ta' Immaġni (FADO), inkluż teknoloġija avvanzata; |

Or. en

**Emenda 142**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) sistemi tal-IT għall-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri; | (c) sistemi tal-IT għall-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri***, fiwlaqt li jkun rispettati b'mod strett il-jeddijiet tal-bniedem u b'mod partikolari l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali***; |

Or. fr

**Emenda 143**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-infrastrutturi, il-bini u t-tagħmir | (d) l-infrastrutturi, il-bini u t-tagħmir |

| | |
|---|---|
| operattiv meħtieġ għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-viżi u l-kooperazzjoni konsulari; | operattiv meħtieġ għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-viżi u l-kooperazzjoni konsulari***, kif ukoll azzjonijiet oħra mmirati biex itejbu l-kwalità tas-servizz lill-applikanti għall-viżi***; |

Or. en

**Emenda 144**
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) studji, proġetti pilota u azzjonijiet li għandhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fl-Istati Membri u bejn l-Istati Membri, u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, l-istandards operattivi u l-aħjar prattiċi li jirriżultaw mill-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri u l-Aġenziji tal-UE. | (e) studji, proġetti pilota***, taħriġ,*** u azzjonijiet ***dwar kwestjonijiet li jolqtu medda wiesgħa bħalma huma l-jeddijiet fundamentali inkluż il-ħarsien ta' wlied nazzjonali ta' pajjiżi terzi*** li għandhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fl-Istati Membri u bejn l-Istati Membri, u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, l-istandards operattivi u l-aħjar prattiċi li jirriżultaw mill-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri u l-Aġenziji tal-UE |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li t-tisħiħ tal-kontrolli tal-fruntieri jista' jkun neċessarju, il-ħtiġiet partikolari ta' nies u gruppi vulnerabbli, bħalma huma l-minorenni mhux akkumpannjati, ma għandhomx jintnesew.*

**Emenda 145**
**Georgios Papanikolaou**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (e) studji, proġetti pilota u azzjonijiet li għandhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fl-Istati Membri u bejn l-Istati Membri, u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, l-istandards operattivi u l-aħjar prattiċi li jirriżultaw mill-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri u l-Aġenziji tal-UE. | (e) studji, proġetti pilota***, inizjattivi konġunti*** u azzjonijiet li għandhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fl-Istati Membri u bejn l-Istati Membri, u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, l-istandards operattivi u l-aħjar prattiċi li jirriżultaw mill-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri u l-Aġenziji tal-UE. |

Or. el

**Emenda 146**
**Ioan Enciu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ea) inizjattivi dwar it-taħriġ għall-għassiesa tal-fruntieri fil-protezzjoni tal-jeddijiet tal-bniedem inkluża l-identifikazzjoni tal-vittmi fil-kummerċ tal-bnedmin;*** |

Or. ro

**Emenda 147**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ea) studji, proġetti pilota, u azzjonijiet li jkollhom l-għan li jiżguraw ottemperanza effikaċi mad-dritt Ewropew u internazzjonali dwar ir-rispett għall-obbligi dwar il-jeddijiet tal-bniedem,*** |

| | |
|---|---|
| | ***b'kooperazzjoni mill-qrib mas-soċjetà ċivili.*** |

Or. en

**Emenda 148**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) studji, proġetti pilota, u azzjonijiet għall-monitoraġġ u l-garanzija ta' ottemperanza effikaċi mal-obbligi internazzjonali u Ewropej dwar il-jeddijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement.*** |

Or. fr

**Emenda 149**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Fi ħdan l-objettivi definiti fl-Artikolu 3, dan l-istrument għandu jappoġġja azzjonijiet fir-rigward ta' u fil-pajjiżi terzi u b'mod partikolari dan li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) sistemi tal-informazzjoni, għodod jew tagħmir għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn Stati Membri u pajjiżi terzi;*** | |
| ***(b) azzjonijiet li għandhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni operattiva bejn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi operazzjonijiet konġunti;*** | |

| | |
|---|---|
| | ***(c) studji, avvenimenti, taħriġ, tagħmir u proġetti pilota li jipprovdu kompetenza teknika u operattiva lill-pajjiżi terzi;*** |
| | ***(d) studji, avvenimenti, taħriġ, tagħmir u proġetti pilota li jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet, l-istandards operattivi u l-aħjar prattiċi, li jirriżultaw mill-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE f'pajjiżi terzi.*** |

Or. en

**Emenda 150**
**Monika Hohlmeier**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fi ħdan l-objettivi definiti fl-Artikolu 3, dan l-istrument għandu jappoġġja azzjonijiet fir-rigward ta’ u fil-pajjiżi terzi u b'mod partikolari dan li ġej: | 2. Fi ħdan l-objettivi definiti fl-Artikolu 3, ***u fid-dawl tal-konklużjonijiet miftehmin tad-djalogu dwar il-politiki kif hemm dispost dwaru fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru .../2012 [Regolament Orizzontali],*** u fid-dawl tal-konklużjonijiet maqbula tad-djalogu politiku kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru .../2012 [Regolament Orizzontali] dan l-istrument għandu jappoġġja azzjonijiet fir-rigward ta' u fil-pajjiżi terzi u b'mod partikolari dan li ġej: |

Or. en

**Emenda 151**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) azzjonijiet li għandhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni ***operattiva*** bejn Stati Membri u pajjiżi terzi***, inklużi operazzjonijiet konġunti***; | (b) azzjonijiet li għandhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni bejn Stati Membri u pajjiżi terzi; |

Or. fr

**Emenda 152**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) studji, ***avvenimenti, taħriġ,*** tagħmir u proġetti pilota li jipprovdu kompetenza teknika u operattiva lill-pajjiżi terzi; | (c) studji, tagħmir u proġetti pilota li jipprovdu kompetenza teknika u operattiva lill-pajjiżi terzi ***għar-rigward ta' viżi bl-eċċezzjoni ta' kull ħaġa marbuta mal-bijometrika***; |

Or. fr

**Emenda 153**
**Alexander Alvaro**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) studji, ***avvenimenti,*** taħriġ, tagħmir u proġetti pilota li jipprovdu kompetenza teknika u operattiva lill-pajjiżi terzi; | (c) studji, taħriġ, tagħmir u proġetti pilota li jipprovdu kompetenza teknika u operattiva lill-pajjiżi terzi; |

Or. en

**Emenda 154**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) studji, avvenimenti, taħriġ***, tagħmir u proġetti pilota li jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet, l-istandards operattivi u l-aħjar prattiċi, li jirriżultaw mill-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE f'pajjiżi terzi***. | (d) studji, avvenimenti ***u*** taħriġ***, b'mod partikolari dwar l-obbligi f'termini ta' rispett għal-libertajiet fundamentali u l-jeddijiet tal-bniedem u l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, pereżempju fir-rigward tas-salvataġġ fuq il-baħar u l-jedd għall-ażil***. |

Or. fr

**Emenda 155**
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) studji, avvenimenti, taħriġ, tagħmir u proġetti pilota li jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet, l-istandards operattivi u l-aħjar prattiċi, li jirriżultaw mill-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE f'pajjiżi terzi. | (d) studji, avvenimenti, taħriġ, tagħmir u proġetti pilota ***dwar kwestjonijiet li jolqtu fuq medda weisgħa bħalma huma l-jeddijiet fundamentali, inkluż il-ħarsien tat-tfal, ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi,*** li jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet, l-istandards operattivi u l-aħjar prattiċi, li jirriżultaw mill-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE f'pajjiżi terzi. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li t-tisħiħ tal-kontrolli tal-fruntieri jista' jkun neċessarju, il-ħtiġiet partikolari ta' nies u gruppi vulnerabbli, bħalma huma l-minorenni mhux akkumpannjati, ma għandhomx jintnesew.*

**Emenda 156**
**Alexander Alvaro**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) studji, ***avvenimenti,*** taħriġ, tagħmir u proġetti pilota li jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet, l-istandards operattivi u l-aħjar prattiċi, li jirriżultaw mill-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE f'pajjiżi terzi. | (d) studji, taħriġ, tagħmir u proġetti pilota li jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet, l-istandards operattivi u l-aħjar prattiċi, li jirriżultaw mill-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE f'pajjiżi terzi. |

Or. en

**Emenda 157**
**Ioan Enciu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) inizjattivi għat-taħriġ ta' għassiesa tal-fruntieri dwar il-protezzjoni tal-jeddijiet tal-bniedem;*** |

Or. ro

**Emenda 158**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Grupp ta' Ħidma mwaqqaf mill-Kummissjoni skont it-termini tal-Artikolu 6a tar-Regolament (UE) Nru …/2012 (regolament orizzontali) jiżgura l-koerenza bejn l-azzjonijiet għar-rigward*** |

| | |
|---|---|
| | ***ta' pajjiżi terzi jew dawk imwettqin hemmhekk u ffinanzjati skont dan l-istrument u l-miżuri li jiġu implementati fil-kuntest tal-azzjoni esterna tal-UE.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*L-attivitajiet implementati f'pajjiżi terzi huma eliġibbli biss għall-finanzjament skont regolamenti speċifiċi wara konsultazzjoni ma' grupp ta' ħidma li hemm riferiment għalih fl-Artikolu 6a tar-regolament orizzontali. Dwar il-miżuri f'pajjiżi terzi, jew marbutin mal-istess, il-Kummissjoni u l-Istati Membri u s-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna, ilkoll skont l-ambitu rispettiv tagħhom ta' azzjoni, jiżguraw l-koordinazzjoni bejn dan ir-regolament u r-regolamenti speċifiċi u ma' strumenti u politiki oħrajn tal-Unjoni, pereżempju dawk li jiffurmaw parti mill-azzjoni esterna tal-UE.*

**Emenda 159**
**Alexander Alvaro**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja ***fil-limiti tal-Qafas*** Finanzjarju. | 2. L-approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità tal-baġit ***fil-Qafas*** Finanzjarju. |

Or. en

**Emenda 160**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(e) assistenza ta' emerġenza, skont l-Artikolu 14;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Inlinja mal-emenda għall-Premessa 19 ta' din il-proposta għal regolament.*

**Emenda 161**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(f) L-implimentazzjoni ta' programm għat-twaqqif ta' sistemi tal-IT ġodda li jappoġġjaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 162**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(f) L-implimentazzjoni ta' programm għat-twaqqif ta' sistemi tal-IT ġodda li jappoġġjaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 163**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-metodu(i) ta' implimentazzjoni tal-baġit għall-programm dwar l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT ġodda għandhom jiġu stabbiliti fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 15(2).*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 164**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-metodu(i) ta' implimentazzjoni tal-baġit għall-programm dwar l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT ġodda għandhom jiġu stabbiliti ***fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 15(2)***. | Il-metodu(i) ta' implimentazzjoni tal-baġit għall-programm dwar l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT ġodda għandhom jiġu stabbiliti ***fl-atti ddelegati***. |

Or. en

**Emenda 165**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***EUR 2,000 miljun*** għall-programmi nazzjonali tal-Istati Membri; | (a) ***57 % tal-baġit globali*** għall-programmi nazzjonali tal-Istati Membri; |

Or. en

**Emenda 166**
**Marian-Jean Marinescu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) EUR ***2,000*** miljun għall-programmi nazzjonali tal-Istati Membri; | (a) EUR ***[ 2 000 ]*** miljun għall-programmi nazzjonali tal-Istati Membri; |

Or. en

**Emenda 167**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) EUR 1,100 miljun għat-twaqqif ta' sistemi tal-IT ġodda li jappoġġjaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 15(2);*** | ***imħassar*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*In line with amendment to Article 5(3).*

**Emenda 168**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) EUR 1,100 miljun għat-twaqqif ta' sistemi tal-IT ġodda li jappoġġjaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 15(2);*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 169**
**Marian-Jean Marinescu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) EUR ***1,100*** miljun għat-twaqqif ta' sistemi tal-IT ġodda li jappoġġjaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 15(2); | (b) EUR ***[1,100]*** miljun għat-twaqqif ta' sistemi tal-IT ġodda li jappoġġjaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 15(2); |

Or. en

**Emenda 170**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***EUR 150 miljun*** għall-Iskema ta' Transitu Speċjali; | (c) ***4% tal-baġit globali*** għall-Iskema ta' Transitu Speċjali; |

Or. en

**Emenda 171**
**Marian-Jean Marinescu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) EUR ***150*** miljun għall-Iskema ta' Transitu Speċjali; | (c) EUR ***[ 150 ]*** miljun għall-Iskema ta' Tranżitu Speċjali; |

Or. en

**Emenda 172**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ***EUR 270 miljun għall-azzjonijiet*** tal-Unjoni, l-assistenza ta' emerġenza u l-assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni. | (d) ***39 % mill-baġit globali*** għall-azzjonijiet tal-Unjoni, l-assistenza ta' emerġenza u l-assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni. |

Or. en

**Emenda 173**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) EUR 270 miljun għall-azzjonijiet tal-Unjoni***, l-assistenza ta' emerġenza*** u l-assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni. | (d) EUR 270 miljun għall-azzjonijiet tal-Unjoni u l-assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Inlinja mal-emendi għall-Premessa 19, Artikolu 2 u Artikolu 5(5).*

**Emenda 174**
**Marian-Jean Marinescu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) EUR ***270*** miljun għall-azzjonijiet tal-Unjoni, l-assistenza ta' emerġenza u l-assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni. | (d) EUR ***[ 270 ]*** miljun għall-azzjonijiet tal-Unjoni, assistenza ta' emerġenza u assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni. |

Or. en

**Emenda 175**
**Marian-Jean Marinescu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. EUR ***2,000*** miljun għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri kif ġej: | 1. EUR ***[2 000]*** miljun għandhom jiġu allokati għall-Istati Membri b'mod indikattiv kif ġej: |

Or. en

**Emenda 176**
**Marian-Jean Marinescu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) EUR 1,200 miljun, kif ***indikat fl-Anness I***; | (a) EUR 1,200 miljun, kif ***ġej:*** |
| | ***(i) ammont bażiku ta' EUR 5 miljun għal kull Stat Membru fil-bidu tal-perjodu finanzjarju; u*** |
| | ***(ii) ammont varjabbli għal kull Stat Membru kkalkulat fuq il-bażi tal-medja tal-ammont riċevut skont id-Deċiżjoni 574/2007/KE għas-snin 2011, 2012 u 2013;*** |

Or. en

**Emenda 177**
**Marian-Jean Marinescu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) EUR ***450*** miljun, ibbażati fuq ir-riżultati tal-mekkaniżmu deskritt fl-Artikolu 7; | (b) EUR ***[450]*** miljun, ibbażati fuq ir-riżultati tal-mekkaniżmu deskritt fl-Artikolu 7; |

Or. en

**Emenda 178**
**Marian-Jean Marinescu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) Fil-qafas tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu u għall-perjodu mis-sena baġitarja 2018, EUR ***350*** miljun, il-bqija tal-approprjazzjonijiet disponibbli taħt dan l-Artikolu jew ammont ieħor, kif determinat skont il-paragrafu 2, ibbażati fuq ir-riżultati tal-analiżi tar-riskju u l-mekkaniżmu stabbilit fl-Artikolu 8. | (c) Fil-qafas tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu u għall-perjodu mis-sena baġitarja 2018, EUR ***[350]*** miljun, il-bqija tal-approprjazzjonijiet disponibbli taħt dan l-Artikolu jew ammont ieħor, kif determinat skont il-paragrafu 2, ibbażati fuq ir-riżultati tal-analiżi tar-riskju u l-mekkaniżmu stabbilit fl-Artikolu 8. |

Or. en

**Emenda 179**
**Alexander Alvaro**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri li jidħlu fl-Unjoni fil-perjodu 2012-2020 m'għandhomx jibbenefikaw mill-allokazzjonijiet għall-programmi nazzjonali taħt dan l-istrument sakemm dawn jibbenefikaw minn strument temporanju tal-Unjoni li jappoġġja lill-Istati Membri benefiċjarji biex jiffinanzjaw azzjonijiet fi fruntieri esterni ġodda tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen dwar il-fruntieri u l-viża u l-kontroll tal-fruntieri esterni. | 3. L-Istati Membri li jidħlu fl-Unjoni fil-perjodu 2012-2020 m'għandhomx jibbenefikaw mill-allokazzjonijiet għall-programmi nazzjonali taħt dan l-istrument ***matul u*** sakemm dawn jibbenefikaw minn strument temporanju tal-Unjoni li jappoġġja lill-Istati Membri benefiċjarji biex jiffinanzjaw azzjonijiet fi fruntieri esterni ġodda tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen dwar il-fruntieri u l-viża u l-kontroll tal-fruntieri esterni. |

Or. en

**Emenda 180**
**Roberta Angelilli**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-Kummissjoni, bi qbil mal-Aġenzija Frontex, tiddefinixxi perċentwal minimu ta' riżorsi li jkunu destinati għall-EUROSUR f'kull programm nazzjonali.*** |

Or. en

**Emenda 181**
**Alexander Alvaro**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 17 għar-reviżjoni tal-Anness II, | 2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 17 għar-reviżjoni tal-Anness II, |

| | |
|---|---|
| jekk jitqies xieraq. Fuq il-bażi tal-azzjonijiet speċifiċi ġodda, l-Istati Membri jistgħu jirċievu ammont addizzjonali kif stipulat fil-paragrafu 1, bla ħsara għar-riżorsi disponibbli. | jekk jitqies xieraq. Fuq il-bażi tal-azzjonijiet speċifiċi ġodda, l-Istati Membri jistgħu jirċievu ammont addizzjonali kif stipulat fil-paragrafu 1, bla ħsara għar-riżorsi disponibbli ***u sakemm l-awtoritajiet baġitarja tkun informata fil-ħin***. |

Or. en

**Emenda 182**
**Monika Hohlmeier**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sabiex jiġi allokat l-ammont indikat fl-Artikolu 6(1)(c), sal-1 ta' Ġunju 2017 il-Kummissjoni ***għandha tistabbilixxi, fuq il-bażi tal-input u*** f'konsultazzjoni mal-Aġenzija Frontex***, rapport li, skont l-analiżi tar-riskju tal-Frontex, għandu jistabbilixxi*** l-livelli ta' theddid fil-fruntieri esterni għall-perjodu 2017-2020. ***Il-livelli ta' theddid se jkunu bbażati fuq il-piż fil-ġestjoni tal-fruntieri u fuq it-theddid*** li effettwa s-sigurtà fil-fruntieri esterni ***tal-Istati*** Membri fl-2014-2016 ***u dawn ser iqisu fost oħrajn it-tendenzi futuri possibbli dwar flussi migratorji u attivitajiet illegali fil-fruntieri esterni filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi probabbli politiċi, ekonomiċi u soċjali fil-pajjiżi terzi kkonċernati, b'mod partikolari fil-pajjiżi ġirien***. | 1. Sabiex jiġi allokat l-ammont indikat fl-Artikolu 6(1)(c), sal-1 ta' Ġunju 2017 il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Aġenzija Frontex, ***tqis il-piż tal-Istati Membri f'dawk li huma ġestjoni tal-fruntieri***, livelli ta' theddid fil-fruntieri esterni ***tal-Istati Membri*** għall-perjodu 2017-2020 ***kif ukoll fatturi*** li laqtu s-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri fl-2014-2016. ***L-ammont imsemmi hawn fuq għandu jinqasam bejn l-Istati Membri abbażi tal-piż tal-kategoriji ta' fruntieri li ġejjin:*** |
| | ***(a) 35% għall-fruntieri esterni marittimi;*** |
| | ***(b) 35% għall-fruntieri esterni fuq l-art;*** |
| | ***(c) 20% għall-ajruporti;*** |
| | ***(d) 10 % għall-uffiċċji konsolari kkonċernati, partikolarment fil-pajjiżi ġirien.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Bil-għan li tinkiseb allokazzjoni mhux ambigwa u ċara tal-fondi, il-massimu tat-trasparenza u skrutinju demokratiku tal-infiq tal-UE, huwa rakkomandat li jiġi ddeterminat it-tqassim tal-fondi skont il-kategorija ta' fruntieri diġà f'dan ir-Regolament. Għal dan l-iskop, allokazzjoni skont il-kategoriji ta' fruntieri bħal, pereżempju, dik diġà prevista mill-Kunsill, tista' tikkontribwixxi għas-salvagwardja tat-trasparenza baġitarja.*

**Emenda 183**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sabiex jiġi allokat l-ammont indikat fl-Artikolu 6(1)(c), sal-1 ta' Ġunju 2017 il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, fuq il-bażi tal-input u f'konsultazzjoni mal-Aġenzija Frontex, rapport li, skont l-analiżi tar-riskju tal-Frontex, għandu jistabbilixxi l-livelli ta' theddid fil-fruntieri esterni għall-perjodu 2017-2020. Il-livelli ***ta' theddid*** se jkunu bbażati fuq il-piż fil-ġestjoni tal-fruntieri u fuq ***it-theddid*** li effettwa s-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri fl-2014-2016 u dawn ser iqisu fost oħrajn it-tendenzi futuri possibbli dwar flussi migratorji u attivitajiet illegali fil-fruntieri esterni filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi probabbli politiċi, ekonomiċi u soċjali fil-pajjiżi terzi kkonċernati, b'mod partikolari fil-pajjiżi ġirien. | 1. Sabiex jiġi allokat l-ammont indikat fl-Artikolu 6(1)(c), sal-1 ta' Ġunju 2017 il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, fuq il-bażi tal-input u f'konsultazzjoni mal-Aġenzija Frontex, ***l-EASO, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet internazzjonali,*** rapport li ***inter alia***, skont l-analiżi tar-riskju tal-Frontex, għandu jistabbilixxi l-livelli ta' theddid fil-fruntieri esterni għall-perjodu 2017-2020. Il-livelli ta' ***riskju*** se jkunu bbażati fuq il-piż fil-ġestjoni tal-fruntieri u fuq ***l-isfidi*** li effettwaw is-sigurtà ***u s-sikurezza, inklużi l-operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ fuq il-baħar,*** fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri fl-2014-2016 u dawn ser iqisu fost oħrajn it-tendenzi futuri possibbli dwar flussi migratorji u attivitajiet illegali fil-fruntieri esterni filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi probabbli politiċi, ekonomiċi u soċjali fil-pajjiżi terzi kkonċernati, b'mod partikolari fil-pajjiżi ġirien. |

Or. en

**Emenda 184**
**Ioan Enciu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sabiex jiġi allokat l-ammont indikat fl-Artikolu 6(1)(c), sal-1 ta’ Ġunju 2017 il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, fuq il-bażi tal-input u f'konsultazzjoni mal-Aġenzija Frontex, rapport li, skont l-analiżi tar-riskju tal-Frontex, għandu jistabbilixxi l-livelli ta’ theddid fil-fruntieri esterni għall-perjodu 2017-2020. Il-livelli ta’ theddid se jkunu bbażati fuq il-piż fil-ġestjoni tal-fruntieri u fuq it-theddid li effettwa s-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri fl-2014-2016 u dawn ser iqisu fost oħrajn it-tendenzi futuri possibbli dwar flussi migratorji u attivitajiet illegali fil-fruntieri esterni filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi probabbli politiċi, ekonomiċi u soċjali fil-pajjiżi terzi kkonċernati, b’mod partikolari fil-pajjiżi ġirien. | 1. Sabiex jiġi allokat l-ammont indikat fl-Artikolu 6(1)(c), sal-1 ta' Ġunju 2017 il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, fuq il-bażi ***tar-rapporti ta’ valutazzjoni redatti bħala parti mill-valutazzjoni ta’ Schengen u l-mekkaniżmu ta’ monitoraġġ u*** tal-input u f'konsultazzjoni mal-Aġenzija Frontex, rapport li, skont l-analiżi tar-riskju tal-Frontex, għandu jistabbilixxi l-livelli ta' theddid fil-fruntieri esterni għall-perjodu 2017-2020. Il-livelli ta’ theddid se jkunu bbażati fuq il-piż fil-ġestjoni tal-fruntieri u fuq it-theddid li effettwa s-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri fl-2014-2016 u dawn ser iqisu fost oħrajn it-tendenzi futuri possibbli dwar flussi migratorji u attivitajiet illegali fil-fruntieri esterni filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi probabbli politiċi, ekonomiċi u soċjali fil-pajjiżi terzi kkonċernati, b’mod partikolari fil-pajjiżi ġirien. |

Or. ro

**Emenda 185**
**Georgios Papanikolaou**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sabiex jiġi allokat l-ammont indikat fl-Artikolu 6(1)(c), sal-1 ta’ Ġunju 2017 il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, fuq il-bażi tal-input u f'konsultazzjoni mal-Aġenzija Frontex, rapport li, skont l-analiżi tar-riskju tal-Frontex, għandu jistabbilixxi | 1. Sabiex jiġi allokat l-ammont indikat fl-Artikolu 6(1)(c), sal-1 ta’ Ġunju 2017 il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, fuq il-bażi tal-input u f'konsultazzjoni mal-Aġenzija Frontex ***u l-Istati Membri li l-fruntieri tagħhom jikkoinċidu mal-*** |

| | |
|---|---|
| l-livelli ta' theddid fil-fruntieri esterni għall-perjodu 2017-2020. Il-livelli ta' theddid se jkunu bbażati fuq il-piż fil-ġestjoni tal-fruntieri u fuq it-theddid li effettwa s-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri fl-2014-2016 u dawn ser iqisu fost oħrajn it-tendenzi futuri possibbli dwar flussi migratorji u attivitajiet illegali fil-fruntieri esterni filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi probabbli politiċi, ekonomiċi u soċjali fil-pajjiżi terzi kkonċernati, b'mod partikolari fil-pajjiżi ġirien. | ***fruntieri esterni tal-UE***, rapport li, skont l-analiżi tar-riskju tal-Frontex, għandu jistabbilixxi l-livelli ta' theddid fil-fruntieri esterni għall-perjodu 2017-2020. Il-livelli ta' theddid se jkunu bbażati fuq il-piż fil-ġestjoni tal-fruntieri u fuq it-theddid li effettwa s-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri fl-2014-2016 u dawn ser iqisu fost oħrajn it-tendenzi futuri possibbli dwar flussi migratorji u attivitajiet illegali fil-fruntieri esterni filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi probabbli politiċi, ekonomiċi u soċjali fil-pajjiżi terzi kkonċernati, b'mod partikolari fil-pajjiżi ġirien. |

Or. el

**Emenda 186**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-rapport għandu jiddetermina l-livell ta' ***theddid*** għal kull sezzjoni tal-fruntiera esterna billi jiġi mmultiplikat it-tul tas-sezzjoni tal-fruntiera kkonċernata mal-piż mogħti lilha kif ġej: | Ir-rapport għandu jiddetermina l-livell ta' ***riskju*** għal kull sezzjoni tal-fruntiera esterna billi jiġi mmultiplikat it-tul tas-sezzjoni tal-fruntiera kkonċernata mal-piż mogħti lilha kif ġej: |

Or. en

**Emenda 187**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) fattur 1 għal ***theddid*** normali | (i) fattur 1 għal ***riskju*** normali |

Or. en

**Emenda 188**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 - paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) fattur 3 għal ***theddid*** medju | (ii) fattur 3 għal ***riskju*** medju |

Or. en

**Emenda 189**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) fattur 5 għal ***theddid*** għoli; | (iii) fattur 5 għal ***riskju*** għoli; |

Or. en

**Emenda 190**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) fattur 1 għal ***theddid*** normali | (i) fattur 1 għal ***riskju*** normali |

Or. en

**Emenda 191**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) fattur 3 għal ***theddid*** medju | (ii) fattur 3 għal ***riskju*** medju |

Or. en

**Emenda 192**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) fattur 5 għal ***theddid*** għoli. | (iii) fattur 5 għal ***riskju*** għoli. |

Or. en

**Emenda 193**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-fruntieri marittimi esterni għandhom ifissru l-limitu estern tal-baħar territorjali tal-Istati Membri kif definit skont l-Artikoli 4 sa 16 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar. Madankollu, f'każijiet fejn ikunu meħtieġa operazzjonijiet ta' medda twila fuq bażi regolari sabiex ***tiġi evitata l-migrazzjoni irregolari/dħul illegali***, dan ***għandu*** jkun il-limitu estern ta' ***żoni ta' theddid għoli***. Dan għandu jkun determinat billi titqies id-dejta relevanti dwar dawn l-operazzjonijiet fl-2014-2016 kif ipprovdut mill-Istati Membri inkwistjoni. | (b) il-fruntieri marittimi esterni għandhom ifissru l-limitu estern tal-baħar territorjali tal-Istati Membri kif definit skont l-Artikoli 4 sa 16 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar. Madankollu, fejn ikunu meħtieġa operazzjonijiet ta' medda twila fuq bażi regolari fil-każ ta' ***żoni riskju għoli***, dan ***jista'*** jkun il-limitu estern ***taż-żona kontigwa kif definit skont l-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar***. Dan għandu jkun determinat billi titqies id-dejta relevanti dwar dawn l-operazzjonijiet fl-2014-2016 kif ipprovdut mill-Istati Membri inkwistjoni. |

Or. en

**Emenda 194**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-fruntieri marittimi esterni għandhom ifissru l-limitu estern tal-baħar territorjali tal-Istati Membri kif definit skont l-Artikoli 4 sa 16 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar. Madankollu, f'każijiet fejn ikunu meħtieġa operazzjonijiet ta' medda twila fuq bażi regolari sabiex tiġi evitata l-migrazzjoni irregolari***/dħul illegali***, dan għandu jkun il-limitu estern ta' żoni ta' theddid għoli. Dan għandu jkun determinat billi titqies id-dejta relevanti dwar dawn l-operazzjonijiet fl-2014-2016 kif ipprovdut mill-Istati Membri inkwistjoni. | (b) il-fruntieri marittimi esterni għandhom ifissru l-limitu estern tal-baħar territorjali tal-Istati Membri kif definit skont l-Artikoli 4 sa 16 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar. Madankollu, f'każijiet fejn huma meħtieġa regolarment operazzjonijiet fuq distanza twila sabiex jiġu impeduti l-migrazzjoni***/dħul*** irregolari, din għandha tkun il-limitu estern ta' żoni b'livell għoli ta' theddid. Dan għandu jkun determinat billi titqies id-dejta relevanti dwar dawn l-operazzjonijiet fl-2014-2016 kif ipprovdut mill-Istati Membri inkwistjoni. |

Or. fr

**Emenda 195**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-appoġġ u l-espansjoni tal-kapaċità eżistenti fil-livell nazzjonali fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni, filwaqt li jitqiesu inter alia ***teknoloġija ġdida***, żviluppi u/jew standards ***fir-rigward tal-ġestjoni*** tal-flussi migratorji; | (b) l-appoġġ u l-espansjoni tal-kapaċità eżistenti fil-livell nazzjonali ***fil-politika dwar il-viżi u*** fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni, ***bl-iskop li tkun prevjenut it-telf ta' ħajjiet fuq il-baħar matul il-migrazzjoni irregolari u biex ikun iffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu, inkluż il-qsim tal-fruntieri minn persuni li jeħtieġu l-protezzjoni internazzjonali,*** filwaqt li |

| | |
|---|---|
| | jitqiesu inter alia, żviluppi u/jew standards ***b'relazzjoni mal-ġestjoni*** tal-flussi migratorji; |

Or. en

**Emenda 196**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-appoġġ u l-espansjoni tal-kapaċità eżistenti fil-livell nazzjonali fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni, filwaqt li jitqiesu inter alia teknoloġija ġdida, żviluppi u/jew standards fir-rigward ***tal-ġestjoni tal-flussi*** migratorji; | (b) l-appoġġ u l-espansjoni tal-kapaċità eżistenti fil-livell nazzjonali fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni, filwaqt li jitqiesu inter alia teknoloġija ġdida, żviluppi u/jew ***dispożizzjonijiet internazzjonali u*** standards fir-rigward ***tal-flussi*** migratorji; |

Or. fr

**Emenda 197**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-appoġġ għall-iżvilupp ulterjuri tal-ġestjoni tal-flussi migratorji minn servizzi konsulari u oħrajn tal-Istat Membru f'pajjiżi terzi, bil-ħsieb li jkun iffaċilitat l-ivvjaġġar ***leġittimu lejn*** u ssir prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari fl-Unjoni; | (c) l-appoġġ għall-iżvilupp ulterjuri tal-ġestjoni tal-flussi migratorji minn servizzi konsulari u oħrajn tal-Istat Membru f'pajjiżi terzi, bil-ħsieb li jkun iffaċilitat l-ivvjaġġar ***skont id-dritt tal-UE jew tal-Istat Membru li jkun*** u ssir prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari fl-Unjoni; |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*It-terminu 'leġittimu' huwa ambigwu u huwa neċessarju li jkun hemm aktar preċiżjoni.*

**Emenda 198**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-appoġġ għall-iżvilupp ulterjuri tal-ġestjoni tal-flussi migratorji minn servizzi konsulari u oħrajn tal-Istat Membru f'pajjiżi terzi, bil-ħsieb li ***jkun iffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu lejn*** u ssir prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari fl-Unjoni; | (c) l-appoġġ għall-iżvilupp ulterjuri tal-ġestjoni tal-flussi migratorji minn servizzi konsulari u oħrajn tal-Istat Membru f'pajjiżi terzi, bil-ħsieb li ***jkunu ffaċilitati l-migrazzjoni u l-mobilità regolari*** u ssir prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari fl-Unjoni; |

Or. en

**Emenda 199**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) it-tisħiħ tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri bl-ittestjar u l-introduzzjoni ta' għodod ġodda, sistemi interoperabbli u metodi ta' ħidma li jimmiraw li jsaħħu l-iskambju ta' informazzjoni fl-Istat Membru jew li jtejbu l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji; | (d)it-tisħiħ tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri bl-ittestjar u l-introduzzjoni ta' għodod ġodda, sistemi interoperabbli ***filwaqt li jkun hemm ottemperanza mal-projbizzjoni fuq kull rabta ta' data personali u/jew data minn dejtabejżis marbutin ma' nazzjonali ta' pajjiżi terzi,*** u metodi ta' ħidma li jimmiraw li jsaħħu l-iskambju ta' informazzjoni fl-Istat Membru jew li jtejbu l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji; |

Or. fr

**Emenda 200**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) l-iżgurar tal-ottemperanza sħiħa mal-obbligi internazzjonali u Ewropej, inklużi l-obbligi tal-jeddijiet tal-bniedem u l-monitoraġġ tal-istess, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi u mas-soċjetà ċivili;*** |

Or. en

**Emenda 201**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) iż-żieda tal-kapaċità biex ikunu ffaċċjati l-isfidi li ġejjin ***inkluż theddid preżenti u futur u l-pressjonijiet*** fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, filwaqt li b'mod partikolari jitqies l-analiżi tar-riskju tal-Frontex. | (f) iż-żieda tal-kapaċità biex ikunu ffaċċjati l-isfidi li ġejjin fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, filwaqt li b'mod partikolari jitqies l-analiżi tar-riskju tal-Frontex. |

Or. en

**Emenda 202**
**Roberta Angelilli**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) l-iżvilupp ta' sistemi defniti mill-Kummissjoni għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar is-sorveljanza marittima skont it-termini tal-leġilżazzjoni u l-linji-gwida tal-Unjoni;*** |

Or. en

**Emenda 203**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) it-titjib tal-monitoraġġ tal-ottemperanza effikaċi mal-obbligi internazzjonali u Ewropej għar-rigward tal-jeddijiet tal-bniedem u b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement.*** |

Or. fr

**Emenda 204**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) konformità mal-acquis tal-Unjoni dwar il-fruntieri u l-viża; | (a) konformità mal-acquis tal-Unjoni dwar il-fruntieri, ***l-asil*** u l-viża; |

Or. fr

**Emenda 205**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) konformità mal-acquis tal-Unjoni dwar il-fruntieri u l-viża; | (a) konformità mal-acquis tal-Unjoni dwar il-fruntieri, ***l-asil*** u l-viża; |

Or. en

**Emenda 206**
**Marian-Jean Marinescu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) l-ottemperanza ma' elenku ta' prijoritajiet definiti mill-Aġenzija Frontex biex jintlaħqu l-istandards komuni ta' sigurtà u tkun żgurata l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, evitata d-duplikazzjoni, il-frammentazzjoni u l-ineffiċjenza tal-kostijiet fid-dominju tal-kontroll tal-fruntieri;*** |

Or. en

**Emenda 207**
**Roberta Angelilli**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) l-ottemperanza mal-prijoritajiet definiti mill-Aġenzija Frontex f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġestjoni tal-fruntieri.*** |

Or. en

**Emenda 208**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) l-ottemperanza mal-istandards internazzjonali u Ewropej tal-jeddijiet tal-bniedem, inkluż ir-rispett tal-prinċipju ta' non-refoulement.*** |

Or. en

**Emenda 209**
**Ioan Enciu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jekk in-nuqqasijiet jiġu identifikati permezz tal-mekkaniżmu ta' valutazzjoni ta' Schengen, l-appoġġ operattiv jiġi sospiż iżda r-riżorsi jistgħu jiġu riallokati bl-iskop li jiġu rmedjati n-nuqqasijiet identifikati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12 ta' dan ir-regolament.*** |

Or. ro

**Emenda 210**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ***ta' implimentazzjoni***, proċeduri ta' rappurtar dwar l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u kwalunkwe arranġamenti prattiċi oħra, li għandhom isiru bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jikkonformaw ma' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ***ta'*** | 6. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ***ddelegati***, proċeduri ta' rappurtar dwar l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u kwalunkwe arranġamenti prattiċi oħra, li għandhom isiru bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jikkonformaw ma' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ***ddelegati*** għandhom jiġu adottati skont |

| | |
|---|---|
| ***implimentazzjoni*** għandhom jiġu adottati skont ***il-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 18(2)***. | ***l-Artikolu 17***. |

Or. en

**Emenda 211**
**Roberta Angelilli**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. L-Aġenzija Frontex tiżgura l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mal-attivitajiet iffinanzjati skont l-appoġġ operattiv.*** |

Or. en

**Emenda 212**
**Marian-Jean Marinescu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ir-riżorsi allokati lil-Litwanja għal dan l-iskop m'għandhomx jaqbżu EUR ***150*** miljun għall-perjodu 2014-2020 u għandhom isiru disponibbli bħala appoġġ operattiv speċifiku addizzjonali għal-Litwanja. | 2. Ir-riżorsi allokati lil-Litwanja għal dan l-iskop m'għandhomx jaqbżu EUR ***[150]*** miljun għall-perjodu 2014-2020 u għandhom isiru disponibbli bħala appoġġ operattiv speċifiku addizzjonali għal-Litwanja. |

Or. en

**Emenda 213**
**Ioan Enciu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fi djalogu mal-Kummissjoni u l-Aġenzija Frontex, fejn xieraq, hu għandu jalloka mill-ġdid ir-riżorsi taħt il-programm tiegħu, inkluż***, fejn meħtieġ,*** dawk programmati għall-appoġġ operattiv, u/jew jintroduċi jew jemenda azzjonijiet li għandhom l-għan li jirrimedjaw għan-nuqqasijiet skont is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' evalwazzjoni ta' Schengen. | Fi djalogu mal-Kummissjoni u l-Aġenzija Frontex, fejn xieraq, hu għandu jalloka mill-ġdid ir-riżorsi taħt il-programm tiegħu, inkluż dawk programmati għall-appoġġ operattiv, u/jew jintroduċi jew jemenda azzjonijiet li għandhom l-għan li jirrimedjaw għan-nuqqasijiet skont is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' evalwazzjoni ta' Schengen. |

Or. ro

**Emenda 214**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jappoġġjaw il-miżuri preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' appoġġ amministrattiv u tekniku, ta' evalwazzjoni, ta' verifika u ta' kontroll meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-politiki appoġġjati mill-Istrument, inkluż għall-implimentazzjoni tal-governanza ta' Schengen kif determinat mill-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen kif stabbilit mir-Regolament (UE) Nru ... dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen biex tkun ivverifikata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen; | (a) jappoġġjaw il-miżuri preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' appoġġ amministrattiv u tekniku, ***għall-iżvilupp*** ta' evalwazzjoni, ta' verifika u ta' kontroll meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-politiki appoġġjati mill-Istrument, ***inkluż fir-rigward tal-ottemperanza mal-obbligi tal-jeddijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju,*** inkluż għall-implimentazzjoni tal-governanza ta' Schengen kif determinat mill-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen kif stabbilit mir-Regolament (UE) Nru ... dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen biex tkun ivverifikata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen; |

Or. en

**Emenda 215**
**Alexander Alvaro**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jappoġġjaw l-iżvilupp ta' għodod u metodi statistiċi u indikaturi komuni; | (c) jappoġġjaw l-iżvilupp ta' għodod u metodi statistiċi ***komuni*** u indikaturi komuni; |

Or. en

**Emenda 216**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jappoġġjaw u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u l-objettivi tal-politika tal-Unjoni fl-Istati Membri, u jevalwaw l-effikaċja u l-impatt tagħhom; | (d) jappoġġjaw u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u l-objettivi tal-politika tal-Unjoni fl-Istati Membri, u jevalwaw l-effikaċja u l-impatt tagħhom, ***inkluż dwar il-jeddijiet tal-bniedem***; |

Or. en

**Emenda 217**
**Ioan Enciu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) jippromwovu n-networking, it-tagħlim reċiproku, l-identifikazzjoni u t-tixrid ta' prattiki tajba u approċċi innovattivi fil- | (e) jippromwovu n-networking, it-tagħlim reċiproku, l-identifikazzjoni u t-tixrid ta' prattiki tajba u approċċi innovattivi fil- |

| | |
|---|---|
| livell Ewropew; | livell Ewropew ***bl-iskop li tiġi introdotta progressivament sistema integrata ta' ġestjoni tal-fruntieri Ewropej***; |

Or. ro

**Emenda 218**
**Alexander Alvaro**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) jippromwovu n-networking, it-tagħlim reċiproku, l-identifikazzjoni u t-tixrid ***ta'*** prattiki ***tajba*** u approċċi innovattivi fil-livell Ewropew; | (e) jippromwovu n-networking, it-tagħlim reċiproku, l-identifikazzjoni u t-tixrid ***tal-aqwa*** prattiki u approċċi innovattivi fil-livell Ewropew; |

Or. en

**Emenda 219**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) jippromwovu n-networking, it-tagħlim reċiproku, l-identifikazzjoni u t-tixrid ta' prattiki tajba u approċċi innovattivi fil-livell Ewropew; | (e) jippromwovu n-networking, it-tagħlim reċiproku, l-identifikazzjoni u t-tixrid ta' prattiki tajba u approċċi innovattivi ***fost stakeholders differenti*** fil-livell Ewropew; |

Or. en

**Emenda 220**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(f) iżidu l-għarfien dwar il-politiki u l-objettivi tal-Unjoni fost il-partijiet interessati u l-pubbliku ġenerali, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 221**
**Franziska Keller, Hélène Flautre**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) iqawwu l-kapaċità tan-netwerks Ewropej biex jippromwovu, jappoġġjaw u jiżviluppaw aktar il-politiki u l-objettivi tal-Unjoni; | (g) iqawwu l-kapaċità tan-netwerks Ewropej biex ***jivvalutaw,*** jippromwovu, jappoġġjaw u jiżviluppaw aktar il-politiki u l-objettivi tal-Unjoni; |

Or. en

**Emenda 222**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) jappoġġjaw proġetti partikolarment innovattivi li jiżviluppaw metodi ***u/jew teknoloġiji*** ġodda b'potenzjal ta' trasferibbiltà lejn Stati Membri oħra, speċjalment proġetti li għandhom l-għan li jittestjaw u jivvalidaw proġetti ta' riċerka; | (h) jappoġġjaw proġetti partikolarment innovattivi li jiżviluppaw metodi ġodda b'potenzjal ta' trasferibbiltà lejn Stati Membri oħra, speċjalment proġetti li għandhom l-għan li jittestjaw u jivvalidaw proġetti ta' riċerka; |

Or. en

**Emenda 223**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(i) jappoġġjaw azzjonijiet fir-rigward ta' u fil-pajjiżi terzi kif imsemmija fl-Artikolu 4(2).*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 224**
**Roberta Angelilli**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt ia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) biex jappoġġjaw attivitajiet ta' koordinazzjoni u kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-EUROPOL, l-Aġenzija Frontex u l-Aġenzija għal Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira.*** |

Or. en

**Emenda 225**
**Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 14*** | ***imħassar*** |
| ***Assistenza ta' emerġenza*** | |
| ***1. L-Istrument għandu jipprovdi assistenza finanzjarja biex ikunu*** | |

***indirizzati ħtiġijiet urġenti u speċifiċi fil-każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza kif definit fil-punt (e) tal-Artikolu 2.***

***2. L-assistenza ta' emerġenza għandha tiġi implimentata skont il-mekkaniżmu stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru …./2012 [ir-Regolament Orizzontali].***

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Inlinja mal-emendi preċedenti dwar l-assistenza fl-emerġenzi.*

**Emenda 226**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 15*** | ***imħassar*** |
| ***L-istabbiliment ta' programm dwar l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT ġodda*** | |
| ***1. L-ammont allokat għall-programm dwar l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT ġodda li jiġġestixxi l-moviment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bejn il-fruntieri huwa stabbilit għal EUR 1,100 miljun. Il-programm għandu jiġi implimentat skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni li tiddefinixxi s-sistemi tal-IT ġodda u l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħhom bil-għan, b'mod partikolari, li tittejjeb il-ġestjoni u l-kontroll ta' flussi ta' ivvjaġġar fil-fruntieri esterni billi jissaħħu l-kontrolli filwaqt li jsir aktar mgħaġġel il-qsim tal-fruntieri għal vjaġġaturi regolari.*** | |
| ***2. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni tal-programm. Għandha tadotta qafas strateġiku multiannwali li għandu jinkludi*** | |

*(a) l-azzjonijiet prinċipali li għandhom jitwettqu;*

*(b) analiżi tal-ammonti tal-baġit bis-snin baġitarji;*

*(c) l-iskedarju taż-żmien għall-implimentazzjoni;*

*(d) il-metodi ta' ġestjoni li għandhom jintużaw mill-azzjonijiet ewlenin imwettqa. L-azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati*

*- direttament mill-Kummissjoni jew permezz ta' aġenziji eżekuttivi*

*indirettament minn entitajiet u persuni oħra għajr l-Istati Membri skont l-Artikolu [57] tar-Regolament (UE) Nru ... ./2012 [Ir-Regolament Finanzjarju l-Ġdid]*

*L-azzjonijiet ewlenin li jridu jitwettqu għandhom ikopru b'mod partikolari, l-iżvilupp u l-ittestjar tal-komponent ċentrali u tal-applikazzjonijiet komuni għall-komponenti nazzjonali tas-sistemi, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni bejn komponenti ċentrali u nazzjonali, il-koordinazzjoni sabiex jitqiegħdu f'operazzjoni, u l-ġestjoni tas-sigurtà tas-sistemi.*

*Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-qafas strateġiku u kwalunkwe reviżjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).*

Or. en

**Emenda 227**
**Alexander Alvaro**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-ammont allokat ***għall-programm dwar l-iżvilupp ta'*** sistemi tal-IT ġodda li jiġġestixxi l-moviment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bejn il-fruntieri huwa stabbilit għal EUR 1,100 miljun. Il-programm għandu jiġi implimentat skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni li tiddefinixxi s-sistemi tal-IT ġodda u l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħhom bil-għan, b'mod partikolari, li tittejjeb il-ġestjoni u l-kontroll ta' flussi ta' ivvjaġġar fil-fruntieri esterni billi jissaħħu l-kontrolli filwaqt li jsir aktar mgħaġġel il-qsim tal-fruntieri għal vjaġġaturi regolari. | 1. L-ammont allokat ***għal*** sistemi tal-IT ġodda li jiġġestixxi l-moviment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bejn il-fruntieri huwa stabbilit għal EUR 1,100 miljun. Il-programm ***jibni fuq strutturi eżistenti ta' ħidma u*** għandu jiġi implimentat skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni li tiddefinixxi s-sistemi tal-IT ġodda u l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħhom bil-għan, b'mod partikolari, li tittejjeb il-ġestjoni u l-kontroll ta' flussi ta' ivvjaġġar fil-fruntieri esterni billi jissaħħu l-kontrolli filwaqt li jsir aktar mgħaġġel il-qsim tal-fruntieri għal vjaġġaturi regolari ***u jiżguraw sinerġiji mas-sistemi eżistenti ta' IT u jevita l-infiq doppju***. |

Or. en

**Emenda 228**
**Ioan Enciu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Kummissjoni tgħarraf lill-Parlament Eworpew u lill-Kunsill dwar il-progress fl-iżvilupp ta' sistemi ġodda ta' IT mill-anqas darba fis-sena u kulfejn ikun xieraq.*** |

Or. ro

**Emenda 229**
**Hubert Pirker**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-delega tas-setgħa msemmija f'dan ir-Regolament għandha tkun mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' seba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. ***Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' tul identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux din l-estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*** | 2. Id-delega tas-setgħa msemmija f'dan ir-Regolament għandha tkun mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' seba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. |

Or. de

**Emenda 230**
**Hubert Pirker**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Att delegat adottat skont dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ biss jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' ***xahrejn*** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż ***b'xahrejn*** fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. | 5. Att delegat adottat skont dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ biss jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' ***tliet xhur*** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż ***bi tliet xhur*** fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. |

Or. de

**Emenda 231**
**Alexander Alvaro**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirrevedu dan ir-Regolament sa mhux aktar tard ***mit-30*** ta' Ġunju 2020. | Fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirrevedu dan ir-Regolament sa mhux aktar tard ***mill-1*** ta' Ġunju 2020. |

Or. en

**Emenda 232**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Objettiv 1: il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki li jiżguraw in-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq il-persuni, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri interni, it-twettiq ta' kontrolli fuq il-persuni u l-monitoraġġ effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni | Objettiv 1: il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki li jiżguraw in-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq il-persuni, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri interni, it-twettiq ta' kontrolli fuq il-persuni u l-monitoraġġ effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni***, billi jiżgura l-qsim mingħajr intoppi u sigur fil-fruntieri esterni, inklużi l-fruntieri marittimi*** |

Or. en

**Emenda 233**
**Alexander Alvaro**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Objettiv 3: it-twaqqif u t-tmexxija ta' sistemi tal-IT, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħhom u tagħmir ta' | Objettiv 3: it-twaqqif u t-tmexxija ta' sistemi ***siguri*** tal-IT, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħhom u tagħmir ta' |

| | |
|---|---|
| appoġġ għall-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni | appoġġ għall-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni |

Or. en

**Emenda 234**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Objettiv 3: ***it-twaqqif u*** t-tmexxija ta' sistemi tal-IT, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħhom u tagħmir ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni | Objettiv 3: ***it-tmexxija*** ta' sistemi tal-IT, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħhom u tagħmir ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni |

Or. en

**Emenda 235**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – paragrafu 3 – inċiż 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ġestjoni operattiva ta' SIS***,*** VIS ***u sistema ġodda mwaqqfa fil-perjodu*** | – ġestjoni operattiva ta' SIS ***u*** VIS |

Or. en

**Emenda 236**
**Franziska Keller**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – paragrafu 3 – inċiż 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| infrastruttura ta' komunikazzjoni u kwistjonijiet relatati mas-sigurtà | – infrastruttura ta' komunikazzjoni u kwistjonijiet relatati mas-sigurtà ***u mal-protezzjoni tad-data*** |

Or. en